

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

Għal raġunijiet ta' protezzjoni ta' data personali u/jew kunfidenzjalità, xi informazzjoni li tinsab f'din il-ħarġa ma tistax tibqa' tiġi żvelata, u għalhekk għet ippubblikata verżjoni ġdida.

► **B**

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2014/145/PESK

tas-17 ta' Marzu 2014

dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukraina

(ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/151/PESK tal-21 ta' Marzu 2014	L 86	30	21.3.2014
► <u>M2</u>	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/238/PESK tat-28 ta' April 2014	L 126	55	29.4.2014
► <u>M3</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/265/PESK tat-12 ta' Mejju 2014	L 137	9	12.5.2014
► <u>M4</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/308/PESK tat-28 ta' Mejju 2014	L 160	33	29.5.2014
► <u>M5</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/455/PESK tal-11 ta' Lulju 2014	L 205	22	12.7.2014
► <u>M6</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/475/PESK tat-18 ta' Lulju 2014	L 214	28	19.7.2014
► <u>M7</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/499/PESK tal-25 ta' Lulju 2014	L 221	15	25.7.2014
► <u>M8</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/508/PESK tat-30 ta' Lulju 2014	L 226	23	30.7.2014
► <u>M9</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/658/PESK tat-8 ta' Settembru 2014	L 271	47	12.9.2014
► <u>M10</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/801/PESK tas-17 ta' Novembru 2014	L 331	26	18.11.2014
► <u>M11</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/855/PESK tat-28 ta' Novembru 2014	L 344	22	29.11.2014
► <u>M12</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/241 tad-9 ta' Frar 2015	L 40	14	16.2.2015
► <u>M13</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/432 tat-13 ta' Marzu 2015	L 70	47	14.3.2015
► <u>M14</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1524 tal-14 ta' Settembru 2015	L 239	157	15.9.2015
► <u>M15</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/359 tal-10 ta' Marzu 2016	L 67	37	12.3.2016
► <u>M16</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1671 tal-15 ta' Settembru 2016	L 249	39	16.9.2016
► <u>M17</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/1961 tat-8 ta' Novembru 2016	L 301	15	9.11.2016
► <u>M18</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/445 tat-13 ta' Marzu 2017	L 67	88	14.3.2017
► <u>M19</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1386 tal-25 ta' Lulju 2017	L 194	63	26.7.2017

► <u>M20</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1418 tal-4 ta' Awwissu 2017	L 203I	5	4.8.2017
► <u>M21</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/1561 tal-14 ta' Settembru 2017	L 237	72	15.9.2017
► <u>M22</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2163 tal-20 ta' Novembru 2017	L 304	51	21.11.2017
► <u>M23</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/392 tat-12 ta' Marzu 2018	L 69	48	13.3.2018
► <u>M24</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/706 tal-14 ta' Mejju 2018	L 118I	3	14.5.2018
► <u>M25</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1085 tat-30 ta' Lulju 2018	L 194	147	31.7.2018
► <u>M26</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1237 tat-12 ta' Settembru 2018	L 231	27	14.9.2018
► <u>M27</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1930 tal-10 ta' Diċembru 2018	L 313I	5	10.12.2018
► <u>M28</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/95 tal-21 ta' Jannar 2019	L 19	7	22.1.2019
► <u>M29</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/415 tal-14 ta' Marzu 2019	L 73	110	15.3.2019
► <u>M30</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/416 tal-14 ta' Marzu 2019	L 73	117	15.3.2019
► <u>M31</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1405 tat-12 ta' Settembru 2019	L 236	17	13.9.2019
► <u>M32</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/120 tat-28 ta' Jannar 2020	L 22I	5	28.1.2020
► <u>M33</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/399 tat-13 ta' Marzu 2020	L 78	44	13.3.2020
► <u>M34</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1269 tal-10 ta' Settembru 2020	L 298	23	11.9.2020
► <u>M35</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2020/1368 tal-1 ta' Ottubru 2020	L 318	5	1.10.2020
► <u>M36</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/448 tat-12 ta' Marzu 2021	L 87	35	15.3.2021
► <u>M37</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1470 tal-10 ta' Settembru 2021	L 321	32	13.9.2021
► <u>M38</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1792 tal-11 ta' Ottubru 2021	L 359I	6	11.10.2021
► <u>M39</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/2196 tat-13 ta' Diċembru 2021	L 445I	14	13.12.2021
► <u>M40</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/241 tal-21 ta' Frar 2022	L 40	23	21.2.2022
► <u>M41</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/265 tat-23 ta' Frar 2022	L 42I	98	23.2.2022
► <u>M42</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/267 tat-23 ta' Frar 2022	L 42I	114	23.2.2022
► <u>M43</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/329 tal-25 ta' Frar 2022	L 50	1	25.2.2022
► <u>M44</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/331 tal-25 ta' Frar 2022	L 52	1	25.2.2022
► <u>M45</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/337 tat-28 ta' Frar 2022	L 59	1	28.2.2022

► <u>M46</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/354 tal-2 ta' Marzu 2022	L 66	14	2.3.2022
► <u>M47</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/397 tad-9 ta' Marzu 2022	L 80	31	9.3.2022
► <u>M48</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/411 tal-10 ta' Marzu 2022	L 84	28	11.3.2022
► <u>M49</u>	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/429 tal-15 ta' Marzu 2022	L 87I	44	15.3.2022

Kkoreġuta minn:

- **C1** Emendi, Ġ.U. L 66, 11.3.2015, p. 21 (2014/265/PESK)
- **C2** Emendi, Ġ.U. L 66, 11.3.2015, p. 22 (2014/499/PESK)
- **C3** Emendi, Ġ.U. L 199, 29.7.2015, p. 46 (2014/151/PESK)
- **C4** Emendi, Ġ.U. L 275, 20.10.2015, p. 68 (2014/658/PESK)
- **C5** Emendi, Ġ.U. L 280, 24.10.2015, p. 39 (2015/1524)
- **C6** Emendi, Ġ.U. L 253, 30.9.2017, p. 40 (2017/1561)
- **C7** Emendi, Ġ.U. L 152, 15.6.2018, p. 60 (2018/706)
- **C8** Emendi, Ġ.U. L 55, 28.2.2022, p. 81 (2022/265)
- **C9** Emendi, Ġ.U. L 67, 2.3.2022, p. 112 (2022/337)
- **C10** Emendi, Ġ.U. L 83I, 10.3.2022, p. 1 (2022/267)

▼B**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2014/145/PESK****tas-17 ta' Marzu 2014**

dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina

*Artikolu 1***▼M43**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jipprevjenu d-dħul fit-territorji tagħhom, jew it-tranżitu minnhom, ta':

- (a) persuni fiżiċi responsabbli għal, li jappoġġaw jew li jimplimentaw azzjonijiet jew politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina, jew li jostakolaw il-ħidma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fl-Ukraina;
- (b) persuni fiżiċi li jappoġġaw, b'mod materjali jew finanzjarju, jew li jibbenefikaw minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea jew għad-destabilizzazzjoni tal-Ukraina;
- (c) persuni fiżiċi li jwettqu tranżazzjonijiet mal-gruppi separatisti fir-reġjun ta' Donbas fl-Ukraina;
- (d) persuni fiżiċi li jappoġġaw, b'mod materjali jew finanzjarju, jew li jibbenefikaw mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li hija responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukraina; jew
- (e) negozjanti ewlenin involuti fis-setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li hija responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukraina,

u persuni fiżiċi assoċjati magħhom, kif elenkat fl-Anness.

▼B

2. Il-paragrafu 1 ma għandux jobbliga lil Stat Membru biex jiċċad id-dħul fit-territorju tiegħu liċ-ċittadini tiegħu stess.

3. Il-paragrafu 1 għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-każijiet fejn Stat Membru jkun marbut minn obbligu taħt id-dritt internazzjonali, jiġifieri:

- (a) bħala pajjiż ospitanti għal organizzazzjoni intergovernattiva internazzjonali;
- (b) bħala pajjiż ospitanti għal konferenza internazzjonali msejħa minn Nazzjonijiet Uniti, jew taħt l-awspiċi tagħha;
- (c) taħt ftehim multilaterali li jikkonferixxi privileġġi u immunitajiet; jew
- (d) taħt it-Trattat ta' Konċiljazzjoni tal-1929 (il-Patt Lateran) konkluż mis-Santa Sede (Stat tal-Belt tal-Vatikan) u l-Italja.

▼B

4. Il-paragrafu 3 għandu jiġi kkunsidrat bħala li japplika wkoll f'każijiet fejn Stat Membru jkun pajjiż ospitanti għall-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE).

5. Il-Kunsill għandu jkun infurmat debitament fil-każijiet kollha fejn Stat Membru jagħti eżenzjoni skont il-paragrafi 3 jew 4.

6. L-Istati Membri jistgħu jagħtu eżenzjonijiet mill-miżuri imposti taħt il-paragrafu 1 fejn l-ivvjaġġar ikun ġustifikat minħabba hteġġa umanitarja urġenti, jew minħabba attendenza f'laqgħat intergovernattivi, u dawk promossi jew ospitati mill-Unjoni, jew ospitati minn Stat Membru li jkollu l-Presidenza tal-OSKE, fejn isir dialogu politiku li jippromwovi direttament l-oġġettivi ta' politika tal-miżuri restrittivi, inkluż appoġġ għall-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.

7. Stat Membru li jixtieq jagħti l-eżenzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 6 għandu jinnotifika lill-Kunsill bil-miktub. L-eżenzjoni ser tiġi kkunsidrata bħala mogħtija għajr jekk wiehied jew aktar mill-membri tal-Kunsill jagħmel oġġezzjoni bil-miktub fi żmien jumejn ta' ħidma minn meta tiġi riċevuta n-notifika tal-eżenzjoni proposta. F'każ li membru wiehied jew aktar tal-Kunsill joġġezzjonaw, il-Kunsill li jagħixxi b'maġġoranza kwalifikata, jista' jiddeċiedi li jagħti l-eżenzjoni proposta.

8. Fejn, skont il-paragrafi 3, 4, 6 u 7, Stat Membru jawtorizza d-dħul fit-territorju tiegħu, jew it-transitu minnu, ta' persuni elenkati fl-Anness, l-awtorizzazzjoni għandha tkun limitata għall-fini li għalih hija ġiet mogħtija lill-persuna kkonċernata minnha.

*Artikolu 2***▼M43**

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu lil, jew huma proprjetà ta', jew huma miżmuma jew ikkontrollati minn:

- (a) persuni fiżiċi responsabbli għal, li jappoġġaw jew li jimplimentaw azzjonijiet jew politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, jew l-istabbiltà jew is-sigurtà fl-Ukraina, jew li jostakolaw il-ħidma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fl-Ukraina;
- (b) persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jappoġġaw b'mod materjali jew finanzjarju, azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina;
- (c) persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi fil-Krimea jew Sevastopol li s-sjeda tagħhom tkun ġiet trasferita b'mod li jmur kontra l-liġi tal-Ukraina, jew persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jkunu bbenefikaw minn dan it-trasferiment;
- (d) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jappoġġaw, b'mod materjali jew finanzjarju, jew li jibbenefikaw minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea jew għad-destabilizzazzjoni tal-Ukraina;

▼M43

- (e) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jwettqu tranżazzjonijiet mal-gruppi separatisti fir-reġjun ta' Donbass tal-Ukrajna;
- (f) persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi li jappoġġaw, b'mod materjali jew finanzjarju, jew li jibbenefikaw mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna; jew
- (g) negozjanti ewlenin jew persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi involuti fis-setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li hija responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Ukrajna,

u persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom, kif elenkat fl-Anness, għandhom jiġu ffriżati.

▼B

2. L-ebda fond jew riżorsa ekonomika ma għandha ssir disponibbli, direttament jew indirettament, lil jew għal benefiċċju ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi elenkati fl-Anness.

3. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' tawtorizza r-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, jew li tagħmel disponibbli ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi, taħt tali kondizzjonijiet li hi tikkunsidra adatti, wara li tkun iddeterminat li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi konċernati huma:

- (a) meħtieġa biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet bażiċi tal-persuni elenkati fl-Anness u l-membri tal-familji dipendenti minnhom, inklużi pagamenti għal ikel, kera jew ipoteki, mediċini u kura medika, taxxi, primjums tal-assigurazzjoni, u ħlasijiet ta' servizzi pubbliċi;
- (b) maħsuba esklussivament għall-pagament ta' onorarji professjonali raġonevoli u għar-rimborż ta' spejjeż imġarrba li huma assoċjati mal-provvista ta' servizzi legali;
- (c) maħsuba esklussivament għall-pagament ta' tariffi jew imposti ta' servizzi għaż-żamma jew il-manutenzjoni regolari ta' fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati; jew
- (d) meħtieġa għal spejjeż straordinarji, dment li l-awtorità kompetenti tkun innotifikat lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħrajn u lill-Kummissjoni bir-raġunijiet li għalihom tqis li għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika, tal-inqas ġimagħtejn qabel l-awtorizzazzjoni.

L-Istat Membru konċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan il-paragrafu.

4. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi ffriżati jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, dment li jkunu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin:

▼B

- (a) il-fondi jew riżorsi ekonomiċi jkunu l-oġġett ta' sentenza arbitrali mogħtija qabel id-data li fiha l-persuna, l-entità jew il-korp imsemmijin fil-paragrafu 1 ikunu ġew elenkati fl-Anness, jew ta' deċiżjoni gudiżżjarja, jew amministrattiva mogħtija fl-Unjoni, jew deċiżjoni gudiżżjarja li tkun esegwibbli fl-Istat Membru konċernat, qabel jew wara dik id-data;
- (b) il-fondi jew riżorsi ekonomiċi ser jintużaw esklużivament biex jagħmlu tajjeb għal pretensjonijiet assicurati mit-tali sentenza jew rikonoxxuti bħala validi fit-tali sentenza, fil-limiti stabbiliti mil-liġijiet u regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet ta' persuni li jkollhom dawn il-pretensjonijiet;
- (c) id-deċiżjoni ma tkunx għall-benefiċċju ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati fl-Anness; u
- (d) ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni ma jmurx kontra l-ordni pubbliku fl-Istat Membru konċernat.

L-Istat Membru konċernat għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan il-paragrafu.

5. Il-paragrafu 1 ma għandux iżomm lil persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkati milli tagħmel pagament dovut taħt kuntratt li daħlet għalih qabel id-data li fiha t-tali persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp ikunu ġew elenkati fl-Anness, dment li l-Istat Membru konċernat jkun iddetermina li l-pagament ma jiġix riċevut direttament jew indirettament minn persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp imsemmijin fil-paragrafu 1.

6. Il-paragrafu 2 ma għandux japplika għaż-żieda mal-kontijiet iffriżati ta':

- (a) imgħax jew qligħ ieħor fuq dawk il-kontijiet;
- (b) pagamenti dovuti minħabba kuntratti, ftehimiet jew obbligi li ġew konklużi jew li rriżultaw qabel id-data li fiha dawk il-kontijiet saru soġġetti għall-miżuri previsti fil-paragrafi 1 u 2; jew
- (c) pagamenti dovuti taħt deċiżjonijiet gudiżżjarji, amministrattivi jew arbitrali li ġew mogħtija fl-Unjoni jew li huma esegwibbli fl-Istat Membru konċernat,

dment li kwalunkwe tali imgħax, qligħ u pagamenti oħrajn jibqgħu soġġetti għall-miżuri previsti fil-paragrafu 1.

▼M21

7. B'deroga mill-paragrafu 2, Stat Membru jista' jawtorizza pagamenti lill-Portijiet tal-Baħar tal-Krimea għal servizzi pprovduti fil-portijiet ta' Kerch Fishery Port, Yalta Commercial Port u Evpatoria Commercial Port, u servizzi pprovduti minn Gosgidrografiya u minn ferġhat tal-Port-Terminal tal-Portijiet tal-Baħar tal-Krimea.

▼ **M41**▼ **C8**

8. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati li jappartjenu lill-entitajiet elenkati taħt l-entrati bin-numri 53, 54 u 55 fl-Anness, jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi lil dawk l-entitajiet, taħt dawk il-kundizzjonijiet li l-awtoritajiet kompetenti jqisu xierqa u wara li jkunu ddeterminaw li tali fondi jew riżorsi ekonomiċi huma meħtieġa għat-terminazzjoni sal-24 ta' Awwissu 2022 ta' operazzjonijiet, kuntratti jew ftehimiet oħra, inkluż relazzjonijiet bankarji korrispondenti, konklużi ma' dawk l-entitajiet qabel it-23 ta' Frar 2022.

▼ **B***Artikolu 3*▼ **M3**

1. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta minn Stat Membru jew mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, għandu jiddeċiedi li jistabbilixxi u jemenda l-lista fl-Anness.

▼ **B**

2. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1, inklużi r-raġunijiet għall-elenkar, lill-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp kkonċernati, jew direttament, jekk l-indirizz ikun magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' notifika, li ttiprovdi lil tali persuna, entità jew korp bl-opportunità li jippreżentaw osservazzjonijiet.

3. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, jew provi sostanzjali ġodda, il-Kunsill għandu jirrevedi d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 u jinforma lill-persuna, entità jew korp kkonċernati kif meħtieġ.

Artikolu 4

1. L-Anness għandu jinkludi r-raġunijiet għall-elenkar tal-persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi imsemmijin fl-Artikolu 1(1) u 2(1).

2. L-Anness għandu jinkludi wkoll, fejn tkun disponibbli, l-informazzjoni meħtieġa għall-identifikazzjoni ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet jew korpi kkonċernati. Fir-rigward ta' persuni fiżiċi, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, inklużi psewdonimi, id-data u l-post tat-twelid, in-nazzjonalità, in-numru tal-passaport u tal-karta tal-identità, is-sess, l-indirizz, jekk magħruf, u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward ta' persuni ġuridiċi, entitajiet jew korpi, tali informazzjoni tista' tinkludi ismijiet, il-post u d-data tar-reġistrazzjoni, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-post tan-negozju.

Artikolu 5

Sabiex jiġi massimizzat l-impatt tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 1(1) u 2 (1), l-Unjoni għandha thegħeġ lil Stati terzi biex jadottaw miżuri restrittivi simili għal dawk previsti f'din id-Deċiżjoni.

▼ B

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

▼ M48

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-15 ta' Settembru 2022.

▼ B

Din id-Deċiżjoni għandha tinżamm taħt reviżjoni kostanti. Hija għandha tiġġedded, jew tiġi emendata, skont il-każ, jekk il-Kunsill iqis li l-oġjettivi tagħha ma jkunux intlaħqu.

▼ B

ANNEX

Lista ta' persuni, entitajiet u korpi msemmijin fl-Artikoli 1 u 2

▼ M3▼ C1

Persuni

▼ B▼ M33

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekkar
1.	Sergey Valeryevich AKSYONOV Sergei Valerievich AKSENOV (Сергей Валерьевич АКСЕНОВ) Serhiy Valeriyovych AKSYONOV (Сергій Валерійович АКСЬОНОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 26.11.1972 Post tat-Twelid: Beltsy (Bălți), SSR tal-Moldova (issa r-Repubblika tal-Moldova)	Aksyonov ġie elett "Prim Ministru tal-Krimea" fil-Verkhovna Rada tal-Krimea fis-27 ta' Frar 2014 fil-preżenza ta' persuni armati li jappoġġaw lir-Russja. L-"elezzjoni" tiegħu ġiet iddikjarata li tmur kontra l-kostituzzjoni mill-aġent President Ukren Oleksandr Turchynov fl-1 ta' Marzu 2014. Huwa għamel pressjoni attiva favur ir-"referendum" tas-16 ta' Marzu 2014 u kien wieħed mill-kofirmatarji tat-"trattat dwar l-adeżjoni tal-Krimea mal-Federazzjoni Russa" tat-18 ta' Marzu 2014. Fid-9 ta' April 2014 huwa nħatar aġent "Kap" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea" mill-President Putin. Fid-9 ta' Ottubru 2014, huwa ġie "elett" formalment bħala l-"Kap" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea". "Elett mill-ġdid" f'din il-pożizzjoni f'Settembru 2019. Membru tal-Kunsill tal-Istat tar-Russja. Minn Jannar 2017 ' hawn, membru tal-Kunsill Għoli tal-Partit Russja Magħquda. Għall-involviment tiegħu fil-proċess tal-annessjoni ġie ppremjat bl-ordni tal-Istat Russu ta' "Mertu lejn il-Patrija"— l-ewwel grad.	17.3.2014
2.	Vladimir Andreevich KONSTANTINOV (Владимир Андреевич КОНСТАНТИНОВ) Volodymyr Andriyovych KONSTANTINOV (Володимир Андрійович КОНСТАНТИНОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 19.11.1956 Post tat-Twelid: Vladimirovka (magħruf ukoll bħala Vladimirovka), Reġjun ta' Slobozia, SSR tal-Moldova (issa r-Repubblika tal-Moldova) jew Bogomol, SSR tal-Moldova (issa r-Repubblika tal-Moldova)	Bħala speaker tal-Kunsill Suprem tar-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea", Konstantinov kellu rwol rilevanti fid-deċiżjonijiet meħuda mill-"Kunsill Suprem" rigward ir-"referendum" kontra l-integrità territorjali tal-Ukraina u appella lill-votanti biex jivvutaw favur l-indipendenza tal-Krimea fir-"referendum" tas-16 ta' Marzu 2014. Kien wieħed mill-kofirmatarji tat-"trattat dwar l-adeżjoni tal-Krimea mal-Federazzjoni Russa" tat-18 ta' Marzu 2014. Mis-17 ta' Marzu 2014 'l hawn, "President" tal-"Kunsill tal-Istat" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea". "Elett mill-ġdid" f'din il-pożizzjoni f'Settembru 2019.	17.3.2014
3.	Rustam Ilmirovich TEMIRGALIEV (Рустам Ильмирович ТЕМИРГАЛИЕВ) Rustam Ilmyrovych TEMIRHALIEV (Рустам Ильмирович ТЕМИРГАЛИЕВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 15.8.1976 Post tat-Twelid: Ulan-Ude, Buryat ASSR (SFSR tar-Russja) (issa l-Federazzjoni Russa)	Meta kien Viċi Prim Ministru tal-Krimea, Temirgaliev qeda rwol rilevanti fid-deċiżjonijiet meħuda mill-"Kunsill Suprem" rigward ir-"referendum" tas-16 ta' Marzu 2014 kontra l-integrità territorjali tal-Ukraina. Huwa għamel pressjoni attiva favur l-integrazzjoni tal-Krimea fil-Federazzjoni Russa.	17.3.2014

▼ M33

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Fil-11 ta' Ġunju 2014 huwa rriżenja mill-funzjoni tiegħu bħala "L-Ewwel Viċi Prim Ministru" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea". Attwalment id-Direttur Ġenerali tal-Kumpannija Maniġerjali tal-Fond ta' Investiment Russu-Ċiniż għall-Iżvilupp Reġjonali. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti.	

▼ M48

4.	Denis Valentinovich BEREZOVSKIY (Денис Валентинович БЕРЕЗОВСКИЙ) Denys Valentynovych BEREZOVSKYY (Денис Валентинович БЕРЕЗОВСЬКИЙ)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 15.7.1974 Post tat-twelid: Kharkiv, RSS Ukrena, (illum l-Ukrajna)	Berezovskiy inħatar kmandant tal-Forza Navali Ukrena fl-1 ta' Marzu 2014 iżda wara dan ħa l-ġurament quddiem il-forzi armati tal-Krimea, u b'hekk kiser il-ġurament tiegħu lill-Forza Navali tal-Ukrajna. Kien Viċi Kmandant tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed tal-Federazzjoni Russa sa Ottubru 2015. Viċi Kmandant tal-Flotta tal-Paċifiku tal-Federazzjoni Russa u Viċi Ammirall.	17.3.2014
----	---	---	---	-----------

▼ M36

5.	Aleksei Mikhailovich CHALIY (Алексей Михайлович ЧАЛЫЙ) Oleksiy Mykhaylovych CHALYY (Олексій Михайлович ЧАЛИЙ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 13.6.1961 Post tat-twelid: Moska, il-Federazzjoni Russa jew Sevastopol, l-Ukrajna	Chaliy sar "Sindku tal-Poplu ta' Sevastopol" b'nomina mill-poplu fit-23 ta' Frar 2014 u aċċetta dan il-"vot". Huwa mexxa kampanja b'mod attiv biex Sevastopol issir entità separata tal-Federazzjoni Russa b'segwitu għal referendum fis-16 ta' Marzu 2014. Kien wieħed mill-kofirmatarji tat-"trattat dwar l-adeżjoni tal-Krimea mal-Federazzjoni Russa" tat-18 ta' Marzu 2014. Huwa kien aġent "gvernatur" ta' Sevastopol mill-1 sal-14 ta' April 2014 u kien President "elett" tal-"Assemblea Leġiżlattiva" tal-Belt ta' Sevastopol. Eks membru tal-"Assemblea Leġiżlattiva" tal-Belt ta' Sevastopol (sa Settembru 2019). Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti. Għall-involviment tiegħu fil-proċess tal-annessjoni, ġie ppremjat bl-ordni tal-Istat Russu ta' "Mertu lejn il-Patrija" – l-ewwel grad. Maniġer ġenerali ta' Smart Electric Networks LLC (ООО "Разумные электрические сети").	17.3.2014
----	---	--	--	-----------

▼ M33

6.	Pyotr Anatoliyovych ZIMA (Пётр Анатольевич ЗИМА) Petro Anatoliyovych ZYMA (Петро Анатолійович ЗИМА)	Sess: raġel Data tat-twelid: 18.1.1970 jew 29.3.1965 Post tat-Twelid: Artemivsk (Артемівськ) (fl-2016 reġa' ħa l-isem ta' Bakhmut/Бахмут), Donetsk Oblast, l-Ukrajna	Zima nħatar bħala l-kap il-ġdid tas-Servizz tas-Sigurtà tal-Krimea (SBU) fit-3 ta' Marzu 2014 mill-"Prim Ministru" Aksyonov u aċċetta din il-ħatra. Hu ta informazzjoni rilevanti inkluż bażi tad-data lis-Servizz tal-Intelligence Russu (FSB). Din kienet tinkludi informazzjoni dwar attivisti Ewro-Majdan u difensuri tad-drittijiet tal-bniedem tal-Krimea. Huwa kellu rwol rilevanti biex jiġi evitat li l-awtoritajiet tal-Ukrajna jkollhom kontroll tat-territorju tal-Krimea. Fil-11 ta' Marzu 2014, il-formazzjoni ta' Servizz ta' Sigurtà indipendenti tal-Krimea ġiet proklamata minn eks uffiċjali tas-SBU tal-Krimea. Attiv mill-2015 fis-Servizz tal-Intelligence Russu (FSB).	17.3.2014
----	--	--	---	-----------

▼ **B**▼ **M15**▼ **M48**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
8.	Sergey Pavlovych TSEKOV (Сергей Павлович ЦЕКОВ) Serhiy Pavlovych TSEKOV (Сергій Павлович ЦЕКОВ)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 28.9.1953 jew 28.8.1953 Post tat-twelid: Simferopol, l-Ukrajna	Bħala Viċi Speaker tar-Rada Verkhovna tal-Krimea, Tsekov beda, flimkien ma' Sergey Aksyonov, it-tneħħija illegali tal-gvern tar-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" (ARC). Huwa involva lil Vladimir Konstantinov f'dan it-tentattiv, waqt li heddu bit-tkeċċija tiegħu. Huwa rrikonoxxa pubblikament li l-Membri Parlamentari mill-Krimea kienu dawk li bdew jistiednu lis-soldati Russi biex jieħdu taħt il-kontroll tagħhom lill-Verkhovna Rada tal-Krimea. Huwa kien wieħed mill-ewwel Mexxejja tal-Krimea li talab fil-pubbliku li l-Krimea tiġi annessa mar-Russja. Membru tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa mill-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea" mill-2014, maħtur mill-ġdid f'Settembru 2019. Membru tal-Kunsill tal-Kumitat Federali għall-Affarijiet Barranin.	17.3.2014
9.	Viktor Alekseevich OZEROV (Виктор Алексеевич Озеров)	Sess: raġel Data tat-twelid: 5.1.1958 Post tat-Twelid: Abakan, Khakassia, il-Federazzjoni Russa	Eks President tal-Kumitat għas-Sigurtà u d-Difiża tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa. Fl-1 ta' Marzu 2014, Ozerov, f'isem il-Kumitat għas-Sigurtà u d-Difiża tal-Kunsill Federali, appoġġa pubblikament, fil-Kunsill Federali, l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna. F'Lulju 2017, huwa ppreżenta r-riżenja tiegħu bħala President tal-Kumitat għas-Sigurtà u d-Difiża. Huwa baqa' membru tal-Kunsill u huwa membru tal-Kumitat dwar ir-regolamentazzjoni interna u l-affarijiet parlamentari. Fl-10 ta' Ottubru 2017, permezz tad-digriet N 372-SF, Ozerov ġie inkluż fil-kummissjoni temporanja tal-Kunsill Federali dwar il-protezzjoni tas-sovranià tal-istat u għall-prevenzjoni tal-interferenza fl-affarijiet interni tal-Federazzjoni Russa. Il-mandat tiegħu fil-Kunsill Federali skada f'Settembru 2019. Konsulent tal-Fondazzjoni Rospolitika minn Ottubru 2019.	17.3.2014
10.	Vladimir Michailovich DZHABAROV (Владимир Михайлович ДЖАБАРОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 29.9.1952 Post tat-Twelid: Samarkand, l-Uzbekistan	L-ewwel Viċi President tal-Kumitat tal-Affarijiet Internazzjonali tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa. Fl-1 ta' Marzu 2014 Dzhбаров, f'isem il-Kumitat tal-Affarijiet Internazzjonali tal-Kunsill Federali, appoġġa pubblikament, fil-Kunsill Federali l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna.	17.3.2014
11.	Andrei Aleksandro-vich KLISHAS (Андрей Александрович КЛИШАС)	Sess: raġel Data tat-twelid: 9.11.1972 Post tat-Twelid: Sverdlovsk (Ekaterinburg), il-Federazzjoni Russa	President tal-Kumitat dwar id-Dritt Kostituzzjonali u l-Bini tal-Istat tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa. Fl-1 ta' Marzu 2014 Klishas appoġġa pubblikament, fil-Kunsill Federali, l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna. F'dikjarazzjonijiet pubbliċi Klishas ipprova jiġġustifika intervent militari Russu fl-Ukrajna billi ddikjara li "l-President tal-Ukrajna jappoġġa l-appell tal-awtoritajiet tal-Krimea lill-President tal-Federazzjoni Russa dwar l-għoti ta' assistenza komprensiva għad-difiża taċ-ċittadini tal-Krimea".	17.3.2014

▼ **M33**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
--	------	--------------------------------------	------------	------------------

▼ **M36**

12.	Nikolai Ivanovich RYZHKOV (Николай Иванович РЫЖКОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 28.9.1929 Post tat-twelid: Dyleevka, reġjun ta' Donetsk, SSR tal-Ukrajna, issa l-Ukrajna	Membru tal-Kumitat għall-kwistjonijiet federali, politika reġjonali u t-Tramuntana tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa. Fl-1 ta' Marzu 2014 Ryzhkov appoġġa pubblikament, fil-Kunsill Federali, l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna. Għall-involviment tiegħu fil-proċess tal-annessjoni, fl-2014 ġie ppremjat bl-ordni tal-Istat Russu ta' "Mertu lejn il-Patrija" l-ewwel grad.	17.3.2014
-----	--	---	--	-----------

▼ **M33**

14.	Aleksandr Borisovich TOTOONOV (Александр Борисович ТОТООНОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 3.4.1957 Post tat-Twelid: Ordzhonikidze (Vladikavkaz), Ossezja tat-Tramuntana, il-Federazzjoni Russa	Eks Membru tal-Kumitat tal-Affarijiet Internazzjonali tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa. Ir-responsabbiltajiet tiegħu bħala Membru tal-Kunsill tal-Federazzjoni Russa ntemmu f'Settembru 2017. Minn Settembru 2017 huwa l-Ewwel Viċi President tal-Parlament ta' Ossezja tat-Tramuntana. Fl-1 ta' Marzu 2014 Totoonov appoġġa pubblikament, fil-Kunsill Federali, l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna.	17.3.2014
-----	---	---	---	-----------

▼ **M21**

--	--	--	--	--

▼ **M33**

16.	Sergei Mikhailovich MIRONOV (Сергей Михайлович МИРОНОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 14.2.1953 Post tat-Twelid: Pushkin, reġjun ta' Leningrad, il-Federazzjoni Russa	Membru tal-Kunsill tad-Duma tal-Istat; Mexxej tal-fazzjoni Fair Russia fid-Duma tal-Istat tal-Federazzjoni Russa. Oriġinatur tal-liġi li tippermetti lill-Federazzjoni Russa tinkludi fil-kompożizzjoni tagħha, taħt il-pretest tal-protezzjoni ta' ċittadini Russi, territorji ta' pajjiż barrani mingħajr il-kunsens ta' dak il-pajjiż jew trattat internazzjonali.	17.3.2014
-----	--	--	--	-----------

▼ **M48**

17.	Sergei Vladimirovich ZHELEZNYAK (Сергей Владимирович ЖЕЛЕЗНЯК)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 30.7.1970 Post tat-twelid: San Pietruburgu (qabel kienet Leningrad), il-Federazzjoni Russa	Eks Viċi Speaker tad-Duma tal-Istat tal-Federazzjoni Russa. Appoġġa b'mod attiv l-użu tal-Forzi Armati Russi fl-Ukrajna u l-annessjoni tal-Krimea. Huwa mexxa personalment id-dimostrazzjoni b'appoġġ tal-użu tal-Forzi Armati Russi fl-Ukrajna. Eks Viċi President u eks membru tal-Kumitat tad-Duma tal-Istat għall-Affarijiet Internazzjonali. Membru tal-Presidju tal-Kunsill Ġenerali tal-partit Russja Magħquda.	17.3.2014
-----	---	--	---	-----------

▼ **M33**

18.	Leonid Eduardovich SLUTSKI (Леонид Эдуардович СЛУЦКИЙ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 4.1.1968 Post tat-Twelid: Moska, il-Federazzjoni Russa	Eks President tal-Kumitat tal-Commonwealth ta' Stati Indipendenti (CIS) tad-Duma tal-Istat tal-Federazzjoni Russa (membru tal-LDPR). Appoġġa b'mod attiv l-użu tal-Forzi Armati Russi fl-Ukrajna u l-annessjoni tal-Krimea. Bħalissa President tal-Kumitat tal-Affarijiet Barranin tad-Duma tal-Istat tal-Federazzjoni Russa.	17.3.2014
-----	---	---	---	-----------

▼ **M33**▼ **M48**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
19.	Aleksandr Viktorovich VITKO (Александр Викторович ВИТКО)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 13.9.1961 Post tat-twelid: Vitebsk, RSS Belarussa (illum il-Belarusja)	Eks Kmandant tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed, Ammirall. Responsabbli mill-kmand tal-forzi Russi li okkupaw it-territorju sovrani tal-Ukrajna. Eks Kap tal-Persunal u kien l-Ewwel Viċi Kap Kmandant tal-Forza Navali Russa.	17.3.2014

▼ **M33**

20.	Anatoliy Alekseevich SIDOROV (Анатолий Алексеевич СИДОРОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 2.7.1958 Post tat-Twelid: Siva, reġjun ta' Perm, Unjoni Sovjetika (issa l-Federazzjoni Russa)	Eks Kmandant, Distrett Militari tal-Punent tar-Russja, li wħud mill-unitajiet tiegħu huma skjerati fil-Krimea. Huwa kien responsabbli għal parti mill-preżenza militari Russa fil-Krimea li qed tipperikola s-sovranietà tal-Ukrajna u assista lill-awtoritajiet tal-Krimea biex iwaqqfudimostrazzjonijiet pubbliċi kontra azzjonijiet favur referendum u l-inkorporazzjoni fir-Russja. Minn Novembru 2015 il-Kap tal-Persunal Konġunt tal-Organizzazzjoni tat-Trattat dwar is-Sigurtà Kollettiva (CSTO).	17.3.2014
21.	Aleksandr Viktorovich GALKIN (Александр Викторович ГАЛКИН)	Sess: raġel Data tat-twelid: 22.3.1958 Post tat-Twelid: Ordzhonikidze (Vladikavkaz), ASSR tat-Tramuntana ta' Ossezja, USSR (issa l-Federazzjoni Russa)	Eks-Kmandant tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar tar-Russja ("SMD"), li l-forzi tiegħu jinsabu fil-Krimea; il-Flotta tal-Baħar l-Iswed hija taħt il-kmand ta' Galkin; ħafna mill-moviment tal-forza fil-Krimea seħħ minn ġewwa l-SMD. Il-forzi tal-SMD huma skjerati fil-Krimea. Huwa responsabbli għal parti mill-preżenza militari Russa fil-Krimea li qed tipperikola s-sovranietà tal-Ukrajna u assista lill-awtoritajiet tal-Krimea fl-impediment ta' dimostrazzjonijiet pubbliċi kontra azzjonijiet lejn referendum u l-inkorporazzjoni fir-Russja. Barra minn hekk, il-Flotta tal-Baħar l-Iswed taqa' taħt il-kontroll tad-Distrett. Bħalissa impjegat mill-Apparat Ċentrali tal-Ministeru għad-Difiża Russu. Assistent tal-Ministru għad-Difiża mid-19 ta' Jannar 2017 'l hawn.	17.3.2014
22.	Dmitry Olegovich ROGOZIN (Дмитрий Олегович РОГОЗИН)	Sess: raġel Data tat-twelid: 21.12.1963 Post tat-Twelid: Moska, il-Federazzjoni Russa	Eks Viċi Prim Ministru tal-Federazzjoni Russa. Appella pubblikament għall-annessjoni tal-Krimea. Mill-2018 jekkupa l-kariga ta' Direttur Ġenerali f'korporazzjoni tal-Istat.	21.3.2014
23.	Sergey Yurievich GLAZYEV (Сергей Юрьевич ГЛАЗЬЕВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 1.1.1961 Post tat-Twelid: Zaporozhye, (SSR tal-Ukrajna), issa l-Ukrajna	Eks konsulent tal-President tal-Federazzjoni Russa. Appella pubblikament għall-annessjoni tal-Krimea. Minn Ottubru 2019 Ministru għall-Integrazzjoni u l-Makroekonomija fil-Kummissjoni Ekonomika Ewrasjatika.	21.3.2014
24.	Valentina Ivanova MATVIYENKO (mwielda TYUTINA) (Валентина Ивановна МАТВИЕНКО (born ТЮТИНА))	Sess: mara Data tat-twelid: 7.4.1949, Post tat-Twelid: Reġjun ta' Shepetovka, Khmelnytsky (Kamenets-Podolsky) (SSR tal-Ukrajna), issa l-Ukrajna	Speaker tal-Kunsill Federali. Fl-1 ta' Marzu 2014, appoġġat pubblikament, fil-Kunsill Federali, l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna.	21.3.2014

▼ **M33**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekkar
25.	Sergei Evgenevich NARYSHKIN (Сергей Евгеньевич НАРЫШКИН)	Sess: raġel Data tat-twelid: 27.10.1954 Post tat-Twelid: San Pietruburgu (qabel kien Lenin-grad), il-Federazzjoni Russa	Eks Speaker tad-Duma tal-Istat. Appoġġa pubblikament l-iskjerament tal-forzi Russi fl-Ukrajna. Appoġġa pubblikament it-trattat ta' riunifikazzjoni tar-Russja u l-Krimea u l-liġi kostituzzjonali federali relatata. Bħalissa Direttur tas-Servizz tal-Intelligence Estera tal-Federazzjoni Russa sa minn Ottubru 2016. Membru permanenti u Segretarju tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa.	21.3.2014
26.	Dmitry Konstantinovich KISELYOV Dmitrii Konstantinovich KISELEV (Дмитрий Константинович КИСЕЛЁВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 26.4.1954 Post tat-Twelid: Moska, il-Federazzjoni Russa	Maħtur b'Digriet Presidenzjali fid-9 ta' Diċembru 2013 bħala Kap tal-aġenzija tal-aħbarijiet "Rossiya Segodnya" tal-Istat Federali Russu. Figura ċentrali tal-propaganda tal-gvern li tappoġġa l-mobilizzazzjoni ta' forzi Russi fl-Ukrajna.	21.3.2014

▼ **M48**

27.	Alexander Mihailovich NOSATOV (Александр Михайлович НОСАТОВ)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 27.3.1963 Post tat-twelid: Sevastopol, RSS Ukrena (illum l-Ukrajna)	Eks Kmandant tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed, Viċi Ammirall. Responsabbli mill-kmand tal-forzi Russi li okkupaw it-territorju sovrani tal-Ukrajna. Attwalment Ammirall, Kap tal-Persunal Ewlieni tal-Flotta Navali Russa.	21.3.2014
-----	---	---	--	-----------

▼ **M36**

28.	Valery Vladimirovich KULIKOV (Валерий Владимирович КУЛИКОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 1.9.1956 Post tat-twelid: Zaporozhye, SSR tal-Ukrajna, issa l-Ukrajna	Eks Viċi Kmandant tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed, Viċi Ammirall. Responsabbli mill-kmand tal-forzi Russi li okkupaw it-territorju sovrani tal-Ukrajna. Fis-26 ta' Settembru 2017, permezz ta' Digriet tal-President tal-Federazzjoni Russa, huwa tneħħa minn din il-kariga u mis-servizz militari. Eks membru tal-Kunsill Federali tal-Federazzjoni Russa, fejn jirrappreżenta l-Belt annessa ta' Sevastopol. Attwalment iservi bħala deputat fl-"Assemblea Leġiżlattiva" tal-Belt ta' Sevastopol.	21.3.2014
-----	---	--	---	-----------

▼ **M34**

29.	Vladislav Yurievich SURKOV (Владислав Юрьевич СУРКОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 21.9.1964 Post tat-twelid: Solntsevo, ir-reġjun ta' Lipetsk, il-Federazzjoni Russa	Eks Assistent tal-President tal-Federazzjoni Russa. Kien organizzatur tal-proċess fil-Krimea li permezz tiegħu l-komunitajiet lokali tal-Krimea ġew immobilizzati biex jieħdu azzjonijiet li jheddu l-awtoritajiet tal-Ukrajna fil-Krimea. Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti	21.3.2014
-----	--	---	--	-----------

▼ **M33**

30.	Mikhail Grigorievich MALYSHEV (Михаил Григорьевич МАЛЫШЕВ) Mykhaylo Hryhorovych MALYSHEV (Михайло Григорович МАЛИШЕВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 10.10.1955 Post tat-Twelid: Simferopol, il-Krimea, l-Ukrajna	President tal-Kummissjoni Elettorali tal-Krimea. Responsabbli għall-amministrazzjoni tar-"referendum" tal-Krimea. Responsabbli taħt is-sistema Russa għall-iffirmar tar-riżultati tar-referendum. Fil-kapaċità ta' President tal-Kummissjoni Elettorali tal-Krimea, huwa ħa sehem fl-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet presidenzjali Russi tat-18 ta' Marzu 2018 u l-elezzjonijiet reġjonali u lokali tat-8 ta' Settembru 2019 fil-Krimea u Sevastopol annessi illegalment, u b'hekk appoġġa b'mod attiv u implimenta politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovrani u l-indipendenza tal-Ukrajna.	21.3.2014
-----	--	---	--	-----------

▼ **M33**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar

▼ **M48**

32.	Logutenent Ġenerali Igor Nikolaevich (Mykolayovich) TURCHENYUK (Игорь Николаевич ТУРЧЕНЮК)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 5.12.1959 Post tat-twelid: Osh, RSS Kirgiża (illum il-Kirgiżistan)	Eks Kmandant <i>de facto</i> tat-truppi Russi skjerati fuq il-post fil-Krimea, annessa illegalment, (li r-Russja għadha ssejjaħ uffiċjalment “milizzji lokali għall-awtodifiża”). Eks Viċi Kmandant tad-Distrett Militari tan-Nofsinar. Kap tad-Distrett tan-Nofsinar tal-Gwardja Nazzjonali Russa.	21.3.2014
-----	--	--	--	-----------

▼ **M33**

33.	Elena Borisovna MIZULINA (mwielda DMITRIYEVA) (Елена Борисовна МИЗУЛИНА (mwielda ДМИТРИЕВА))	Sess: mara Data tat-twelid: 9.12.1954 Post tat-Twelid: Bui, reġjun ta' Kostroma, il-Federazzjoni Russa	Eks Viċi Speaker tad-Duma tal-Istat. Oriġinatur u kosponsor ta' proposti legiſlattivi reċenti fir-Russja li kienu ser jippermettu li reġjuni ta' pajjiżi oħra jissiehu mar-Russja mingħajr qbil minn qabel mill-awtoritajiet ċentrali tagħhom. Minn Settembru 2015 'l hawn, Membru tal-Kunsill Federali mir-reġjun Omsk. Bħalissa Viċi President tal-Kumitat tal-Kunsill Federali dwar il-Leġislazzjoni Kostituzzjonali u l-Bini tal-Istat.	21.3.2014
-----	--	--	--	-----------

▼ **M36**

34.	Dmitry Nikolayevich KOZAK (Дмитрий Николаевич КОЗАК)	Sess: raġel Data tat-twelid: 7.11.1958 Post tat-twelid: Bandurovo, reġjun ta' Kirovograd, SSR tal-Ukrajna, issa l-Ukrajna Nazzjonalità: Russa	Eks Viċi Prim Ministru. Responsabbli mis-sorveljanza tal-integrazzjoni tar-“Repubblika Awtonoma tal-Krimea” li ġiet annessa fil-Federazzjoni Russa. Viċi Kap tal-Persunal tal-Amministrazzjoni Presidenzjali tal-Federazzjoni Russa. Huwa l-Mibgħut Speċjali tal-President għall-ġestjoni tal-kunflitt fl-Ukrajna.	29.4.2014
35.	Oleg Yevgenyevich BELAVENTSEV (Олег Евгеньевич БЕЛАВЕНЦЕВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 15.9.1949 Post tat-twelid: Moska jew Ostrov, ir-reġjun Pskov, Federazzjoni Russa	Eks Rappreżentant Plenipotenżjarju tal-President tal-Federazzjoni Russa fl-hekk imsejjaħ “Distrett Federali tal-Krimea”, responsabbli mill-implimentazzjoni tal-prerogattivi kostituzzjonali tal-Kap tal-Istat Russu fit-territorju tar-“Repubblika Awtonoma tal-Krimea” li ġiet annessa. Eks membru mhux permanenti tal-Kunsill tas-Sigurtà Russu. Eks Rappreżentant Plenipotenżjarju tal-President tal-Federazzjoni Russa fid-Distrett Federali tal-Kawkasu tat-Tramuntana (sa Ġunju 2018). Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti. Konslu Onorarju tan-Nikaragwa fil-Krimea minn Ottubru 2020.	29.4.2014

▼ **M33**

36.	Oleg Genrikhovich SAVELYEV (Олег Генрихович САВЕЛЬЕВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 27.10.1965 Post tat-Twelid: Leningrad, USSR (issa San Pietruburgu, il-Federazzjoni Russa)	Eks Ministru għall-Affarijiet tal-Krimea. Responsabbli mill-integrazzjoni tar-Repubblika Awtonoma annessa tal-Krimea fil-Federazzjoni Russa. Eks Viċi Kap tal-Persunal tal-Gvern Russu, responsabbli mill-organizzazzjoni tal-ħidma tal-Kummissjoni Governattiva dwar l-iżvilupp soċjoekonomiku tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Krimea”. Eks Kap tal-Persunal tal-Kamra tal-Kontijiet tal-Federazzjoni Russa. Minn Settembru 2019 'l hawn Awditur tal-Kamra tal-Kontijiet tal-Federazzjoni Russa.	29.4.2014
-----	---	--	--	-----------

▼ **M33**▼ **M48**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
37.	Sergei Ivanovich MENYAILO (Сергей Иванович МЕНЯЙЛО)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 22.8.1960 Post tat-twelid: Alagir, RSS Awtonoma tal-Ossezja tat-Tramuntana, RSFSR (illum il-Federazzjoni Russa)	Eks Gvernatur tal-belt Ukrena annessa ta' Sevastopol. Eks Rappreżentant Plenipotenżjarju tal-President tal-Federazzjoni Russa fid-Distrett Federali tas-Siberja. Membru tal-Kunsill tas-Sigurtà tal-Federazzjoni Russa. Kap tal-Ossezja tat-Tramuntana mid-19 ta' Settembru 2021.	29.4.2014
38.	Olga Fyodorovna KOVITIDI (Ольга Фёдоровна КОВИТИДИ)	Ġeneru: femminil Data tat-twelid: 7.5.1962 Post tat-twelid: Simferopol, RSS Ukrena (illum l-Ukrajna)	Membru tal-Kunsill Federali Russu mir-“Repubblika Awtonoma tal-Krimea” annessa mill-2014, maħtura mill-ġdid fl-2019. Membru tal-Kumitat tal-Kunsill Federali dwar il-Leġiżlazzjoni Kostituzzjonali u l-Bini tal-Istat.	29.4.2014
38.	Olga Fedorovna KOVITIDI (Ольга Фёдоровна КОВИТИДИ)	Sess: mara Data tat-twelid: 7.5.1962 Post tat-Twelid: Simferopol, SSR tal-Ukrajna (issa l-Ukrajna)	Membru tal-Kunsill Federali Russu mir-Repubblika Awtonoma annessa tal-Krimea mill-2014, maħtura mill-ġdid fl-2019.	29.4.2014
▼ M13				
▼ M34				
40.	Sergei Ivanovich NEVEROV (Сергей Иванович НЕВЕРОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 21.12.1961 Post tat-twelid: Tashtagol, USSR (issa l-Federazzjoni Russa)	Eks Viċi President tad-Duma tal-Istat. Responsabbli mill-introduzzjoni ta' leġiżlazzjoni biex ir-Repubblika Awtonoma annessa tal-Krimea tiġi integrata fil-Federazzjoni Russa. Membru tad-Duma, kap tal-fazzjoni Russja Magħqda.	29.4.2014
▼ M15				
▼ M33				
42.	Valery Vasilevich GERASIMOV (Валерий Васильевич ГЕРАСИМОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 8.9.1955 Post tat-Twelid: Kazan, il-Federazzjoni Russa	Kap tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa, l-Ewwel Viċi Ministru għad-Difiża tal-Federazzjoni Russa, Ġeneral tal-Armata. Responsabbli mill-iskjerament massiv ta' truppi Russi tul il-fruntiera mal-Ukrajna u naqas milli jtaffi t-tensjoni tas-sitwazzjoni.	29.4.2014
▼ M34				
43.	German PROKOPIV (Герман ПРОКОПІВ) Herman PROKOPIV (Герман ПРОКОПІВ) (magħruf ukoll bħala Li Van Chol, Ли Ван Чоль)	Sess: raġel Data tat-twelid: 6.7.1993 jew 6.7.1991 Post tat-twelid: Praga, ir-Repubblika Ċeka	Membru attiv tal-“Gwardja ta' Luhansk”. Ħa sehem fil-ħtif tal-bini tal-uffiċċju reġjonali tas-Servizz tas-Sigurtà ta' Luhansk. Għadu ġellied militari attiv tal-LNR.	29.4.2014
▼ M21				

▼ **B**▼ **M33**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
45.	Andrei Evgenevich PURGIN (Андрей Евгеньевич ПУРГИН) Andriy Yevhenovych PURHIN (Андрій Євгенович ПУРГІН)	Sess: raġel Data tat-twelid: 26.1.1972 Post tat-Twelid: Donetsk, l-Ukrajna	Parteċipant attiv u organizzatur ta' azzjonijiet separatisti, koordinatur tal-azzjonijiet tat-"turisti Russi" f'Donetsk. Kofundatur ta' "Inizjattiva Ċivika ta' Donbass għall-Unjoni Ewro-Asjatika". Kien "l-Ewwel Viċi President tal-Kunsill tal-Ministri". Sal-4 ta' Settembru 2015 kien "President" tal-"Kunsill tal-Poplu tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Fi Frar 2017 tneħħielu l-mandat tiegħu ta' membru tal-"Kunsill tal-Poplu tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" wara deċiżjoni tal-hekk imsejjaħ "Kunsill tal-Poplu". Għadu attiv fl-appoġġ ta' azzjonijiet jew politiki separatisti.	29.4.2014
46.	Denys Volodymyrovych PUSHYLIN (Денис Володимирович ПУШИЛИН) Denis Vladimirovich PUSHILIN (Денис Владимирович ПУШИЛИН)	Sess: raġel Data tat-twelid: 9.5.1981 Post tat-Twelid: Makiivka (oblast ta' Donetsk), l-Ukrajna	Wieħed mill-mexxejja tar-"Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Ħa schem fil-ħtif u l-okkupazzjoni tal-amministrazzjoni reġjonali f'Donetsk fl-2014. Sal-4 ta' Settembru 2015 kien l-hekk imsejjaħ Viċi President tal-"Kunsill tal-Poplu" tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Mill-4 ta' Settembru 2015 kien "President" tal-"Kunsill tal-Poplu tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". L-hekk imsejjaħ "aġent Kap tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" wara s-7 ta' Settembru 2018. L-hekk imsejjaħ "Kap tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" wara l-hekk imsejħa elezzjonijiet tal-11 ta' Novembru 2018.	29.4.2014
47.	Sergey Gennadevich TSYPLAKOV (Сергей Геннадьевич ЦЫПЛАКОВ) Serhiy Hennadiyovych TSYPLAKOV (Сергій Геннадійович ЦИПЛАКОВ)	Sess: raġel Data tat-twelid: 1.5.1983 Post tat-twelid: Khartsyzsk, reġjun ta' Donetsk, l-Ukrajna	Wieħed mill-mexxejja tal-organizzazzjoni ideoloġikament radikali, il-"Milizzja Popolari ta' Donbas". Ħa schem attiv fil-ħtif ta' għadd ta' binjiet tal-Istat fir-reġjun ta' Donetsk. Eks Membru tal-"Kunsill tal-Poplu tar-Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk", u tal-Kumitat tiegħu dwar il-Politika Barranija, ir-Relazzjonijiet Esterni, il-Politika tal-Informazzjoni u t-Teknoloġija tal-Informazzjoni.	29.4.2014
48.	Igor Vsevolodovich GIRKIN (Игорь Всеволодович ГИРКИН) (magħruf ukoll bħala Igor STRELKOV, Ihor STRIELKOV)	Sess: raġel Data tat-twelid: 17.12.1970 Post tat-Twelid: Moska, il-Federazzjoni Russa	Identifikat bħala persunal tad-Direttorat Prinċipali tal-Intelligence tal-Persunal Ġenerali tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa (GRU). Kien involut f'inċidenti fi Sloviansk. Kap tal-moviment pubbliku "Novorossia". Il-"Ministru tad-Difiża" ta' qabel tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk". Organizza, fl-4 ta' Novembru 2016, Mixja Russa f'Moska għan-nazzjonalisti Russi li jappoġġaw is-separatisti fil-Lvant tal-Ukrajna. Għadu attiv fl-appoġġ tiegħu għall-attività separatista fil-Lvant tal-Ukrajna.	29.4.2014

▼ **M33**

▼ **M33**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
49.	Vyacheslav Viktorovich VOLODIN (Вячеслав Викторович ВОЛОДИН)	Sess: raġel Data tat-twelid: 4.2.1964 Post tat-Twelid: Alekseevka, reġjun ta' Saratov, il-Federazzjoni Russa	Kien l-Ewwel Viċi Kap tal-Persunal tal-Amministrazzjoni Presidenzjali tar-Russja. Responsabbli mis-superviżjoni tal-integrazzjoni politika tar-reġjun Ukren tal-Krimea anness fil-Federazzjoni Russa. Bħalissa Viċi Speaker tad-Duma tal-Istat tal-Federazzjoni Russa mill-5 ta' Ottubru 2016.	12.5.2014

▼ **M48**

50.	Vladimir Anatolievich SHAMANOV (Владимир Анатольевич ШАМАНОВ)	Ġeneru: maskil Data tat-twelid: 15.2.1957 Post tat-twelid: Barnaul, il-Federazzjoni Russa	Eks Kmandant tat-Truppi tal-Ajru Russi, Kurunell-Ġenerali. Fil-pożizzjoni ta' awtorità għolja tiegħu, huwa responsabbli mill-iskjerament tal-qawwiet tal-ajru Russi fil-Krimea. Eks President tal-Kumitat ta' Difiża tad-Duma tal-Istat tal-Federazzjoni Russa. Membru tad-Duma tal-Istat, Kumitat għall-Iżvilupp tas-Soċjetà Ċivili.	12.5.2014
-----	--	---	--	-----------

▼ **M37**

51.	Vladimir Nikolaevich PLIGIN (Владимир Николаевич ПЛИГИН)	Sess: raġel Data tat-twelid: 19.5.1960 Post tat-twelid: Ignatovo, Oblast ta' Vologodsk, USSR (illum il-Federazzjoni Russa)	Eks membru tad-Duma tal-Istat u eks President tal-Kumitat tal-Liġi Kostituzzjonali tad-Duma. Responsabbli għall-faċilitazzjoni tal-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar l-annessjoni tal-Krimea u Sevastopol mal-Federazzjoni Russa. Eks Membru tal-Kunsill Suprem tal-partit Russja Magħquda. Konsulent għall-Ispeaker tad-Duma, Volodin. Attwalment riċerkatur fl-Istitut tal-Istat u l-Liġi tal-Akkademja Russa tax-Xjenzi. Kopresident tal-Assoċjazzjoni Russa tal-Avukati.	12.5.2014
-----	---	--	---	-----------

▼ **M33**

674.	Petr Olegovich AVEN (Пётр Олегович АВЕН)	Data tat-twelid: 16.3. 1955 Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation Funzjoni: Oligarka qrib Vladimir Putin. Wieħed mill-azzjonisti ewlenin ta' Alfa Group Sess: Raġel	Petr Aven huwa wieħed mill-oligarki l-aktar qrib Vladimir Putin. Huwa azzjonist importanti ta' Alfa Group, li jinkludi wieħed mill-banek ewlenin Russi, Alfa Bank. Huwa wieħed minn madwar 50 negozjant sinjur Russu li jiltaqqu regolarment ma' Vladimir Putin fil-Kremlin. Ma joperax indipendentement mit-talbiet tal-President. Il-ħbiberija tiegħu ma' Vladimir Putin tmur lura għall-bidu tad-disgħinijiet. Meta kien il-Ministru għar-Relazzjonijiet Ekonomiċi Barranin għen lil Vladimir Putin, li dak iż-żmien kien viċi sindku ta' San Pietruburgu, fir-rigward tal-investigazzjoni tal-Kummissjoni Sal'ye. Huwa magħruf bħala ħabib personali speċjalment qrib tal-kap ta' Rosneft Igor Sechin, alleat ewlieni ta' Putin. It-tifla l-kbira ta' Vladimir Putin, Maria, mexxiet proġett tal-karità, Alfa-Endo, li kien iffinanzjat minn Alfa Bank. Is-Sur Aven ibbenefika mir-rabtiet tiegħu mal-gvern. Kiteb ittra lil Vladimir Putin li fiha lmentat dwar id-deċiżjoni tal-Qorti ta' Arbitraġġ ta' Moska fil-kawża legali dwar l-interessi ta' wieħed min-negozji tas-Sur Aven. Vladimir Putin ta struzzjonijiet lill-Prosekutur Ġenerali tar-Russja biex jinvestiga l-każ. Vladimir Putin ippremja l-lealtà ta' Alfa Group lejn l-awtoritajiet Russi billi pprova għajna politika lill-pjanijiet ta' investimenti barranin ta' Alfa Group. Is-Sur Aven u s-sieħeb fin-negozju tiegħu Mikhail Fridman ilhom impenjati fl-isforzi tal-Kremlin biex jittneħħew is-sanzjonijiet tal-Punent maħruġa biex jiġġieldu kontra l-politika aggressiva Russa kontra l-Ukrajna. Fl-2016, Vladimir Putin avża lis-Sur Aven dwar il-prospett li l-Istati Uniti kienet ser timponi sanzjonijiet addizzjonali kontra s-Sur Aven u/jew Alfa-Bank u ssuġġerixxa li kellu bżonn jieħdu passi biex jipproteġi lilu nnifsu u lil Alfa-Bank, u s-Sur Aven għamel dan. Fl-2018, is-Sur Aven, flimkien mas-Sur Fridman, żaru Washington D.C. fuq missjoni mhux uffiċjali biex iwasslu l-messaġġ tal-gvern Russu dwar is-sanzjonijiet tal-Istati Uniti u dwar il-kontrosanzjonijiet mill-Federazzjoni Russa. Għaldaqstant appoġġa attivament, b'mod materjali jew finanzjarju, u bbenefika minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Huwa appoġġa wkoll azzjonijiet jew politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovrani u l-indipendenza tal-Ukrajna.	28.2.2022

▼ M45

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
675.	Mikhail Maratovich FRIDMAN (Михаил Маратович ФРИДМАН)	► C9 Data tat-twelid: 21.4.1964 Post tat-twelid: Lviv, SSR tal-Ukrajna, (issa l-Ukrajna) Sess: Raġel ◀	Mikhail Fridman huwa l-fundatur u wieħed mill-azzjonisti ewlenin ta' Alfa Group, li jinkludi l-bank ewlieni Russu Alfa Bank. Huwa rnexxielu jibni rabtiet b'saħħithom mal-amministrazzjoni ta' Vladimir Putin, u ssemma bħala l-finanzjatur u l-faċilitatur ewlieni Russu taċ-ċirku ta' ġewwa ta' Putin. Imnaxxielu jakkwista assijiet statali permezz ta' rabtiet mal-gvern. It-tifla l-kbira ta' Vladimir Putin, Maria, mexasxiet proġett tal-karità, Alfa-Endo, li kien iffinanzjat minn Alfa Bank. Vladimir Putin ippremja l-lealtà ta' Alfa Group lejn l-awtoritajiet Russi billi pprova għajjnuna politika lill-pjanijiet ta' investimenti barranin ta' Alfa Group. Is-Sur Fridman u s-sieħeb fin-negozju tiegħu Petr Aven ilhom impenjati fl-isforzi tal-Kremlin biex jittneħħew is-sanzjonijiet tal-Punent maħruġa biex jiġġieldu kontra l-politika aggressiva Russa kontra l-Ukrajna. Fl-2018, is-Sur Fridman, flimkien mas-Sur Aven, żaru Washington D.C. fuq missjoni mhux uffiċjali biex iwasslu l-messaġġ tal-gvern Russu dwar is-sanzjonijiet tal-Istati Uniti u dwar il-kontrosanzjonijiet mill-Federazzjoni Russa. Għaldaqstant appoġġa attivament, b'mod materjali jew finanzjarju, u bbenefika minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Huwa appoġġa wkoll azzjonijiet jew politiki li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.	28.2.2022
676.	Sergei Pavlovich ROLDUGIN (Сергей Павлович РОЛДУГИН)	Data tat-twelid: 28.9.1951 Post tat-twelid: Sakhalin Oblast Ċellist Funzjoni: negozjant, haġib qarib ta' Vladimir Putin.	Is-Sur Roldugin huwa negozjant b'rabtiet mill-qrib ma' Vladimir Putin. Huwa parti mill-iskema finanzjarja tan-network ta' Putin. Huwa s-sid ta' mill-inqas ħames entitajiet offshore u jżomm l-assijiet tiegħu f'Bank Rossiya (sanzjonat mill-Unjoni), magħruf f'Moska bħala l-"Kartiera ta' Putin" ("Putin's wallet"). Skont l-investigazzjoni mill-ICIJ, is-Sur Roldugin huwa responsabbli għar-riorganizzazzjoni ("shuffling") ta' mill-inqas 2 biljun USD permezz ta' banek u kumpanniji offshore bħala parti min-network finanzjarju moħbi ta' Putin. Ħa sehem ukoll fit-"Troika Laundromat", u għadda biljuni ta' USD mis-sistema. Barra minn hekk, irċieva aktar minn 69 miljun USD minn kumpanniji fit-"Troika Laundromat". Huwa għaldaqstant responsabbli li appoġġa attivament, b'mod materjali jew finanzjarju, persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet, responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.	28.2.2022

▼ M45

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
677.	Dmitry Sergeyevich PESKOV (Дмитрий Сергеевич ПЕСКОВ)	Data tat-twelid: 17.10.1967 Post tat-twelid: Moscow, Russian Federation Sess: Raġel	Dmitri Peskov huwa s-segretarju tal-istampa tal-President Putin. Huwa ddefenda pubblikament il-politika aggressiva tar-Russja kontra l-Ukrajna, inkluż l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol mill-Federazzjoni Russa. F'diversi dikjarazzjonijiet, huwa enfasizza li t-territorju tal-Krimea u Sevastopol huwa parti integrali mir-Russja, u li l-irkupru tiegħu mill-Ukrajna mhux possibbli. Huwa sejjaħ l-azzjonijiet tal-Ukrajna mmirati biex itemmu l-okkupazzjoni Russa tal-Peniżola tal-Krimea bħala pretensjoni territorjali kontra r-Russja. Huwa esprima l-opinjoni tiegħu dwar l-impossibbiltà ta' negozjati mal-awtoritajiet Ukreni, u saħaq li dawn ma kinux meqjusa bħala sieħeb min-naħa Russa. Huwa ddikjara, għall-kuntrarju tal-fatti, li ma kienx hemm truppi Russi f'Donbass. Huwa wassal ukoll il-messaġġ li s-sanzjonijiet tal-Punent ma għandhom l-ebda effett reali fuq ir-Russja. Huwa hedded li r-Russja kienet ser timponi kontrosanzjonijiet bi twegħiba. Għaldaqstant, b'mod attiv appoġġa azzjonijiet jew politiki li dgħajfu jew heddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukrajna.	28.2.2022
678.	Dmitry Nikolaevich CHERNYSHENKO (Дмитрий Николаевич ЧЕРНЫШЕНКО)	Data tat-twelid: 20.9.1968 Post tat-twelid: Saratov, Russia Funzjoni: Viċi Prim Ministru tar-Russja għat-Turiżmu, l-Ispport, il-Kultura u l-Komunikazzjoni Membru tal-Bord tad-Diretturi ta' Russian Railways Sess: Raġel	Dmitry Chernyshenko huwa l-Viċi Prim Ministru tar-Russja għat-Turiżmu, l-Ispport, il-Kultura u l-Komunikazzjoni u membru tal-Bord tad-Diretturi ta' Russian Railways, maħtur f'din il-pożizzjoni mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. F'Ottubru 2021, ir-Russja bdiet tisħiħ tal-forzi militari bla preċedent fuq il-fruntiera mal-Ukrajna, jew qribha, u fir-reġjun okkupa tal-Krimea tal-Ukrajna. Hemmhekk, il-Forzi Armati Russi wettqu eżerċizzji militari fuq skala kbira. Dan wassal għal eskalazzjoni tal-konflitt u qiegħed pressjoni destabilizzanti fuq l-Ukrajna. Kemm il-persunal militari kif ukoll it-tagħmir militari tal-Forzi Armati Russi ġew trasportati għaż-żoni qrib il-fruntiera Ukrena minn Russian Railways li tagħha s-Sur Chernyshenko huwa membru fil-Bord tad-Diretturi. Fl-24 ta' Frar 2022, ir-Russja nediet aggressjoni militari fuq skala kbira kontra l-Ukrajna. Għaldaqstant, huwa responsabbli li b'mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li dgħajfu jew heddew l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukrajna.	28.2.2022

▼ M45

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
679.	Irek Envarovich FAIZULLIN (Ирек Энварович ФАЙЗУЛЛИН)	Data tat-twelid: 8.12.1962 Post tat-twelid: Kazan, USSR, issa Russian Federation Funzjoni: Membru tal-Bord tad-Diretturi tar-Russian Railways. Ministru għall-Kostruzzjoni u d-Djar tal-Federazzjoni Russa. Sess: Raġel	Is-Sur Irek Faizullin huwa Ministru għall-Kostruzzjoni u d-Djar tar-Russja u membru tal-Bord tad-Diretturi ta' Russian Railways, maħtur f'din il-pożizzjoni mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. F'Ottubru 2021, ir-Russja bdiet it-tisħiħ bla preċedent tal-forzi militari fuq il-fruntiera mal-Ukrajna, jew qribha, u fir-reġjun okkupat tal-Krimea tal-Ukrajna. Hemmhekk, il-Forzi Armati Russi wettqu eżerċizzji militari fuq skala kbira. Dan wassal għal eskalazzjoni tal-konflitt u qiegħed pressjoni destabilizzanti fuq l-Ukrajna. Kemm il-persunal militari kif ukoll it-tagħmir militari tal-Forzi Armati Russi ġew trasportati għaż-żoni qrib il-fruntiera Ukrena minn Russian Railways li tagħha s-Sur Faizullin huwa membru fil-Bord tad-Diretturi. Għaldaqstant, huwa responsabbli li b'mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li dgħajfu jew heddeu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukrajna.	28.2.2022
680.	Vitaly Gennadyevich SAVELYEV (Виталий Геннадьевич САВЕЛЬЕВ)	Data tat-twelid: 18.1.1954 Post tat-twelid: Tashkent, Uzbekistan Funzjoni: Membru tal-Bord tad-Diretturi tar-Russian Railways. Ministru għat-Trasport tar-Russja mill-2020, eks Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Aeroflot	Vitaly Savelyev huwa Ministru għat-Trasport tal-Federazzjoni Russa u membru tal-Bord tad-Diretturi ta' Russian Railways, maħtur f'din il-pożizzjoni mill-Gvern tal-Federazzjoni Russa. Huwa l-eks Uffiċjal Kap Eżekuttiv ta' Aeroflot. F'Ottubru 2021, ir-Russja bdiet it-tisħiħ bla preċedent tal-forzi militari fuq il-fruntiera mal-Ukrajna, jew qribha, u fir-reġjun okkupat tal-Krimea tal-Ukrajna. Hemmhekk, il-Forzi Armati Russi wettqu eżerċizzji militari fuq skala kbira. Dan wassal għal eskalazzjoni tal-konflitt u qiegħed pressjoni destabilizzanti fuq l-Ukrajna. Kemm il-persunal militari kif ukoll it-tagħmir militari tal-Forzi Armati Russi ġew trasportati lejn iż-żoni qrib il-fruntiera Ukrena minn Russian Railways li tagħha s-Sur Savelyev huwa membru tal-Bord tad-Diretturi. Barra minn hekk, Aeroflot taħt it-tmexxija tas-Sur Savelyev ipprovdiet trasport bl-ajru regolari għall-passiġġieri bejn ajruporti Russi u l-ajruport internazzjonali ta' Simferopol, u għalhekk appoġġat il-konsolidazzjoni tal-peniżola tal-Krimea annessa illegalment fil-Federazzjoni Russa, li mbagħad kompliet iddgħajf l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. Għaldaqstant, huwa responsabbli li b'mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li dgħajfu jew heddeu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukrajna.	28.2.2022

▼ M45

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
681.	Andrey Anatolyevich TURCHAK (ТУРЧАК, Андрей Анатольевич)	Data tat-twelid: 20.12.1975 Post tat-twelid: Leningrad, USSR (issa Russian Federation) Funzjoni: Segretarju tal-kunsill ġenerali tal-partit United Russia L-ewwel deputat speaker tal-Kunsill tal-Federazzjoni.	Andrey Turchak huwa s-segretarju tal-Kunsill Ġenerali tal-partit United Russia u l-ewwel viċi kelliem tal-Kunsill tal-Federazzjoni. Is-suċċess politiku tiegħu huwa marbut ma' missieru, Anatoly Turchak, li kien jitħarreġ fil-judo ma' Vladimir Putin u l-aħwa Rotenberg. Huwa ppromwova attitudni pożittiva għar-rikonoxximent tal-hekk imsejħa "Repubbliki tal-Poplu" separatisti ta' Donetsk u Luhansk. Huwa appella lill-awtoritajiet Russi biex jipprovdu armi avanzati lill-forzi separatisti pro-Russi fir-reġjun ta' Donbas. Huwa stqarr pubblikament li kien impossibbli li l-konflitt ta' Donbas jissolva b'mod paċifiku mal-awtoritajiet Ukreni. Huwa esprima allegazzjonijiet infondati dwar offensiva militari Ukrena ppjanata f'Donbas. Huwa mexxa n-negozjati ma' Denis Pushilin. kap tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu" separatista ta' Donetsk. Huwa żar punt ta' mobilizzazzjoni tal-forzi armati separatisti fiż-żona tal-ewwel linja ta' Donbas biex personalment jifraħ lis-soldati tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" separatista f'Jum id-Difensur tal-Patrija. Huwa ddefenda pubblikament id-deċiżjoni tar-Russja li tirrikonoxxi r-"repubbliki" separatisti ta' Donbas. Huwa ddikjara li r-Russja hija indifferenti għas-sanzjonijiet tal-Punent. Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ jew l-implimentazzjoni b'mod attiv, ta' azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	28.2.2022
682.	Tigran Edmondovich KEOSAYAN (Тигран Эдмондович КЕОСЯН)	Data tat-twelid: 4.1.1966 Post tat-twelid: Moscow, Russia Funzjoni: Attur u direttur, preżentatur tal-programm televiżiv ta' propaganda dwar affarijiet politiċi fuq il-kanal NTV, imsejjaħ "International Sawmill with Tigran Keosayan".	Is-Sur Tigran Keosayan huwa direttur tal-films u ġurnalist li xerred il-propaganda kontra l-Ukrajna fil-media Russa. Fil-programm televiżiv tiegħu ffinanzjat mill-istat, "International Sawmill with Tigran Keosayan", huwa konsistentement ippreżenta lill-Ukrajna bħala pajjiż dgħajfef u korrott, li baqa' għaddej biss bis-saħħa tal-għajnuna tal-Punent. Huwa ssuġġerixxa li l-awtoritajiet Ukreni ma kinux leġittimi. Huwa ddikjara ripetutament li l-Krimea kienet tappartjeni lir-Russja, u li Donbas ma kinitx parti mill-Ukrajna. Is-Sur Keosayan ipparteċipa fil-forum tad-"Donbas Russu" li ġie organizzat f'Donetsk mill-awtoritajiet tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" bil-għan li tinfirex id-duttrina tad-"Donbas Russu". Huwa akkuża pubblikament lill-Ukrajna li eskalat il-konflitt. Għaldaqstant, huwa responsabbli li b'mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li dgħajfu jew heddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukrajna.	28.2.2022

▼ M45

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Il-programm televiżiv “International Sawmill with Tigran Keosayan” irċieva finanzjament miminn kumpanniji statali Russi, li ma kienx ġustifikat għal raġunijiet kummerċjali, iżda ngħata bħala premju lis-Sur Keosayan għall-isforzi propagandisti tiegħu u għal-lealtà tiegħu lejn Vladimir Putin. Is-Sur Keosayan idderieġa film ta' propaganda “The Crimean Bridge. Made with Love!”, li gglorifika l-Pont tal-Krimea li jgħaqqad it-territorju tal-Peniżola tal-Krimea annessa illegalment mar-Russja. Ġie rrapportat li l-film kien maħsub bħala riġal lill-President Putin. Alexei Gromov, l-ewwel viċi kap tal-amministrazzjoni presidenzjali, għen biex jiġi żgurat finanzjament statali għall-film, li bis-saħħa tiegħu s-Sur Keosayan kiseb profitt finanzjarju. Għaldaqstant huwa bbenefika minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.	
683.	Olga Vladimirovna SKABEYeva (Ольга Владимировна СКАБЕЕВА)	Data tat-twelid: 11.12.1984 Funzjoni: Kofundatur u editur kap tal-portal REGNUM; Post tat-twelid: Volzhsky, Russia Funzjoni: Ġurnalista tat-TV tal-Istat Rossiya-1, li tmexxi programm ta' taħdit politiku “60 minuta” (flimkien ma' żewġha Yevgeniy Popov) – l-aktar talk-show popolari fir-Russja) Sess: Mara	Is-Sa Olga Skabeyeva hija ġurnalista tal-istazzjon televiżiv tal-istat Rossiya-1. Flimkien ma' żewġha Yevgeniy Popov, hija tospita l-aktar dibattitu politiku televiżiv popolari fir-Russja, “60 Minutes”, fejn xerrdet propaganda kontra l-Ukrajna, u ppromwoviet attitudni pożittiva lejn l-annessjoni tal-Krimea u l-azzjonijiet tas-separatisti f'Donbas. Fil-programm televiżiv tagħha hija konsistentement ippreżentat is-sitwazzjoni fl-Ukrajna b'mod preġudikat, u wriet il-pajjiż bħala stat artifiċjali, sostnut kemm militarment kif ukoll finanzjarjament mill-Punent u għalhekk hija satellita tal-Punent u għodda f'idejn in-NATO. Hija naqqset ukoll ir-rwol tal-Ukrajna għall-“anti-Russja moderna”. Barra minn hekk, hija spiss stiednet mistednin bħas-Sur Eduard Basurin, is-Segretarju tal-Istampa tal-Kmand Militari tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk” u s-Sur Denis Pushilin, kap tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk”. Hija keċċiet mistieden li ma kkonformax mal-linji narrattivi tal-propaganda Russa, bħall-ideoloġija tad-“dinja Russa”. Is-Sa Skabeyeva tidher li hija konxja tar-rwol ċiniku tagħha fil-magna ta' propaganda Russa, flimkien ma' żewġha. Għaldaqstant, hija responsabbli li b'mod attiv appoġġat jew implimentat azzjonijiet jew politiki li dgħajfu jew heddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukrajna.	28.2.2022

▼ M45

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
684.	Alexander PONOMARENKO (Александр Анатольевич ПОНОМАРЕНКО)	Data tat-twelid: 27.10. 1964 Post tat-twelid: Bilohirsk, Ukrainian SSR Funzjoni: Oligarka Russu, President tal-Bord ta' Sheremetyevo International Airport	Alexander Ponomarenko huwa oligarka Russu u President tal-Bord ta' Sheremetyevo International Airport. Is-Sur Ponomarenko għandu rabtiet mill-qrib ma' oligarki oħrajn assoċjati ma' Vladimir Putin, kif ukoll ma' Sergey Aksyonov, mexxej tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea" fit-territorju tal-Peniżola tal-Krimea annessa ille-galment. Kien involut fil-finanzjament tal-kumpless tal-palazz viċin Gelendzhik, li jitqies li jintuża b'mod personali mill-President Putin. Għaldaqstant appoġġa attivament, b'mod materjali jew finanzjarju, persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabbilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukrajna.	28.2.2022
685.	Modest Alexeyevich KOLEROV (Модест Алексеевич КОЛЕРОВ)	Data tat-twelid: 12.4.1963 Post tat-twelid: Kimovsk, Russia Funzjoni: Kofundatur u editur kap tal-portal REGNUM, li jispeċjalizza fiż-żona post-Sovjetika. Mill-2005 sal-2007 huwa ħa-dem fl-Amministrazzjoni Presidenzjali. Sess: Raġel	Modest Kolerov huwa kofundatur u kap editur tal-portal REGNUM, li huwa uża biex ixxerred narrattivi propagandisti aggressivi u preġudikati kontra l-Ukrajna, u biex jippromwovi attitudni pożittiva lejn l-annessjoni tal-Krimea u l-azzjonijiet tas-separatisti f'Donbas. Spiss wera lill-Ukrajna bħala pajjiż faxxista jew neo-Nazista, u pupazz tal-Punent. Huwa ddikjara li l-Ukrajna nħolqot artifiċjalment minn Lenin u Stalin. Skont il-pubblikazzjonijiet tiegħu, l-Ukrajna taf l-indipendenza tagħha lir-Russja u għalhekk ma jistħoq qilha l-ebda dritt li tkun stat sovrän. Huwa ssuġġerixxa wkoll li r-Russja għandha ttemm l-eżistenza tal-Ukrajna. Barra minn hekk, huwa ppropona li l-Ukrajna tinqasam bejn il-ġirien tagħha u heddied li Ukraina indipendenti tkun ta' theddida għar-Russja. Huwa ppromwova b'mod attiv ir-rikonoxximent tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk", u għal aktar azzjonijiet Russi favur is-separatisti fil-Lvant tal-Ukrajna. Huwa ċaħad il-provi tal-appoġġ militari Russu għas-separatisti, u indika l-missjoni tal-OSKE fil-Lvant tal-Ukrajna bħala preġudikata u subordinata għal Kiev. Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ jew l-implimentazzjoni b'mod attiv, ta' azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna, u għat-tfixkil tal-ħidma ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fl-Ukrajna.	28.2.2022

▼ M45

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
686.	Roman Georgievich BABAYAN (Роман Георгиевич БАБАЯН)	Data tat-twelid: 7.12.1967 Post tat-twelid: Baku, Azerbaijan Funzjoni: Ġurnal- list, preżentatur tal-programm tele- viżiv “Own Truth” fuq l-istazzjon NTV u “Right of Voice” fuq TV Cent. Huwa wkoll il-kap editur tar-radju “Moscow Speaks”. Huwa wkoll membru ta’ tad-Duma tal-Belt ta’ Moska. Sess: Raġel	Is-Sur Roman Babayan huwa ġurnalista u membru tad-Duma tal-Belt ta’ Moska. Huwa jospita l-programm televiżiv “Own Truth” fuq l-istazzjon NTV u “Right of Voice” fuq TV Cent. Huwa wkoll il-kap editur tar-radju “Moscow Speaks”. Huwa xerred propaganda kontra l-Ukrajna u ppromwova attitudni pożittiva lejn l-azzjonijiet tas-separatiżmi f’Donbas. F’intervista li ta lil Ukraina.ru, stqarr b’mod ċar li kull abitant ta’ Donbas jippreferi li r-reġjun jingħaqad mar-Russja, u qajjem dubji dwar id-dritt tal-Ukrajna għat-territorji tagħha stess. Barra minn hekk, huwa akkuża lill-awtoritajiet Ukreni b’persekuzzjonijiet ibbażati fuq in-nazzjonalità f’Donbas u <i>de facto</i> b’ġenoċidju, u qal li l-Ukreni qatlu tfal u anzjani f’Donbas. Huwa appoġġa wkoll in-narrattiva Russa dwar ir- “reġim faxxista” fl-Ukrajna. Sabiex jagħmel dan, huwa ppreżenta reġistrazzjoni mhux ċara ta’ suldati lebsin l-arma navali tal-Ġermanja Nazista, u ddeskrivhom bħala Ukreni. Għalhekk, huwa responsabbli għall-appoġġ jew l-implimentazzjoni b’mod attiv, ta’ azzjonijiet jew politiki li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territor- jali, is-sovraniżmu u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà fl-Ukrajna.	28.2.2022
687.	Yevgeniy Nikolaevich PRILEPIN (Евгений Николаевич ПРИЛЕПИН), magħruf ukoll bħala Zakhar PRILEPIN (Russu: Захар ПРИЛЕПИН), magħruf ukoll bħala Yevgeniy LAVLINSKIY (Russu: Евгений ЛАВЛИНСКИЙ)	Data tat-twelid: 7.7.1975 Post tat-twelid: Il’inka, Russia Funzjoni: Ġurnal- list, kittieb, kopre- sident tal-partit A Just Russia – Patriots – For Truth, attivista.	Is-Sur Prilepin huwa attivista, ġurnalista u kittieb Russu, u kopresident tal-partit A Just Russia – Patriots – For Truth. Huwa esprima l-appoġġ pubbliku tiegħu għas-separatiżmi Russi fil-Krimea u f’Donbas. Huwa bagħat għajna lil Donetsk u ta pariri lill-mexxejja separatiżmi. Huwa pparteċipa fil-konflitt ta’ Donbas fuq in-naħa separatiżmi, u serva bħala viċi kmandant ta’ wieħed mill-battaljoni separatiżmi, u ddeskriva l-involviment tiegħu fid-dettall. Barra minn hekk, huwa uża l-fama u r-reputazzjoni tiegħu bħala kittieb famuż biex ixerred propaganda kontra l-Ukrajna, u biex jippromwovi attitudni pożittiva lejn l-annessjoni tal-Krimea u l-azzjonijiet tas-separatiżmi f’Donbas. Is-Sur Prilepin indika lill-awtoritajiet Ukreni bħala korrotti, tahom ħtija għall-eskalazzjoni tal-konflitt, sejjaħ lil Kiev bħala belt Russa u ddikjara li l-għan aħħari tar-Russja għandu jkun li tinħataf Kiev. Huwa ħa sehem f’film dokumentarju ta’ propa- ganda Russu “Krimea: Lura d-Dar” li glorifika l-annessjoni illegali tal-Peniżola tal-Krimea mir-Russja. Għaldaqstant, huwa responsabbli li b’mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li dgħajfu jew heddu l-integrità territorjali, is-sovraniżmu u l-indipendenza tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukrajna.	28.2.2022

▼ M45

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
688.	Anton Vyacheslavovich KRASOVSKY (Антон Вячеславович КРАСОВСКИЙ), magħruf ukoll bħala Anton Vyacheslavovich KUZNETSOV-KRASOVSKY (Антон Вячеславович КУЗНЕЦОВ-КРАСОВСКИЙ)	Data tat-twelid: 18.7.1975 Post tat-twelid: Podolsk, Russia Funzjoni: Attivist, ġurnalista, propagandist, ospitant ta' programm ta' taħdit bl-isem "The Antonyms" fuq RT, stazzjon televiżiv Russu ffinanzjat mill-istat	Is-Sur Anton Krasovsky huwa ġurnalista, li jospita d-dibattitu televiżiv "The Antonyms" fuq RT, stazzjon televiżiv Russu ffinanzjat mill-istat. Huwa xerred il-propaganda kontra l-Ukrajna. Huwa sejjaħ lill-Ukrajna art Russa u ddenigra lill-Ukreni bħala nazzjon. Huwa hedded ukoll lill-Ukrajna bl-invażjoni Russa jekk l-Ukrajna din kienet ser tagħmel pass eqreb biex tingħaqad man-NATO. Huwa ssuġġerixxa li tali azzjoni kienet ser twassal għat-"teħid" tal-kostituzzjoni tal-Ukrajna, b'din "tinħaraq fuq Khreshchatyk". Barra minn hekk, huwa ssuġġerixxa li l-Ukrajna għandha tingħaqad mar-Russja. Għaldaqstant, huwa responsabbli li b'mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li dgħajfu jew heddu l-integrità, is-sovranià u l-indipendenza territorjali tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukrajna.	28.2.2022
689.	Arkady Viktorovich MAMONTOV (Аркадий Викторович МАМОНТОВ)	Data tat-twelid: 26.5.1962 Post tat-twelid: Novosibirsk, Russia Funzjoni: Ġurnalista tat-TV u preżentatur tat-TV, ospitant tal-programm tat-TV "Author's Program of Arkady Mamontov" fuq l-istazzjon televiżiv Rossiya-1, awtur ta' films dokumentarji.	Is-Sur Arkady Mamontov jospita l-programm televiżiv "Author's Program of Arkady Mamontov" u huwa awtur ta' films dokumentarji għat-televiżjoni Russa. Huwa xerred il-propaganda kontra l-Ukrajna. Huwa dderieġa film propagandista b'appoġġ għall-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol, li fih huwa ppreżenta l-ħakma Ukrena qabel l-annessjoni illegali bħala kaotika u mimlija anarkija. Fil-films tiegħu, huwa wera lill-Ukrajna bħala ċentru tan-neo-Nazismu, il-faxxiżmu, in-nazzjonaliżmu u s-sentiment anti-Russu. Huwa eżaġera r-rwol tal-organizzazzjonijiet tal-lemin estrem fl-Ukrajna. Huwa akkuża lill-Ukrajna b'politiki diskriminatorji kontra l-kultura u l-lingwa Russa fl-Ukrajna. Huwa dgħajf il-kredibbiltà u l-leġittimità tal-awtoritajiet Ukreni billi ssuġġerixxa li Euro-maidan kien kolp ta' stat ispirat minn barra l-pajjiż, u li l-gvern Ukren kien dipendenti fuq l-Istati Uniti tal-Amerka. Għaldaqstant, huwa responsabbli li b'mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li dgħajfu jew heddu l-integrità, is-sovranià u l-indipendenza territorjali tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukrajna.	28.2.2022
690.	Sergei Mikhailovich PINCHUK (Сергей Михайлович ПИНЧУК)	Data tat-twelid: 26.07.1971 Post tat-twelid: Sevastopol, Ukrainian SSR, (now Ukraine) Funzjoni: Viċi Ammirall, l-ewwel Viċi Kap Kmandant tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed	Sergey Pinchuk huwa Viċi Ammiral u l-ewwel Viċi Kap Kmandant tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed, li hija subordinat għad-Distrett Militari tan-Nofsinar tal-Forzi Armati Russi, u kien involut f'azzjonijiet militari kontra l-Ukrajna.	28.2.2022

▼ M45

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			Minn nofs Ottubru 2021, il-forzi militari Russi bdew skjerament militari minghajn preċedent fil-fruntiera tal-Ukrajna jew qrib tagħha u fir-reġjun tal-Krimea okkupat mill-Ukrajna. F'dan ir-rigward ħafna osservaturi u dawk li jfasslu l-politika esprimew tħassib dwar il-possibbiltà ta' invażjoni ġdida tal-Ukrajna jew azzjonijiet aggressivi oħra min-naħa tar-Russja. Forzi tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed ħadu sehem fi eżerċizzji militari fuq skala kbira qrib u fi ħdan il-fruntieri tal-Ukrajna. Wara d-deċiżjoni ta' Vladimir Putin li jirrikonoxxi l-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk", suldati tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar daħlu fit-territorju ta' dawk iż-żewġ repubbliki awtoproklamati. Meta fl-24 ta' Frar 2022 ir-Russja nediet invażjoni militari fuq skala sħiħa fuq l-Ukrajna, it-truppi Russi tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed wettqu operazzjoni ta' ħatt l-art f'Mariupol u Odessa. Għaldaqstant, Sergei Pinchuk huwa responsabbli li b'mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li dgħajfu jew heddu l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza territorjali tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukrajna.	
691.	Alexey Yurevich AVDEEV (Алексей Юрьевич АВДЕЕВ)	Data tat-twelid: 17.5.1967 Post tat-twelid: Tashkent, USSR (now Uzbekistan) Funzjoni: Logutenent Ġeneral, Viċi kmandant tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar Sess: Raġel	Alexey Avdeev huwa viċi kmandant tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar tar-Russja, li kien involut f'azzjonijiet militari kontra l-Ukrajna. Dan l-aħħar l-Ukrajna saret il-mira ewlenija tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar. Minħabba dan għet iffurmata t-tmien Armata l-ġdida u għet estiża l-preżenza tad-Distrett fit-territorju tal-peniżola tal-Krimea annessa illegalment. Minn nofs Ottubru 2021, il-forzi militari Russi bdew skjerament militari minghajn preċedent fil-fruntiera tal-Ukrajna jew qrib tagħha u fir-reġjun tal-Krimea okkupat mill-Ukrajna. F'dan ir-rigward ħafna osservaturi u dawk li jfasslu l-politika esprimew tħassib dwar il-possibbiltà ta' invażjoni ġdida tal-Ukrajna jew azzjonijiet aggressivi oħra min-naħa tar-Russja. Truppi mid-Distrett Militari tan-Nofsinhar wettqu eżerċizzji militari f'żoni madwar l-Ukrajna u ċaqlqu gruppi tattiċi tal-artillerija u tal-battaljun fil-peniżola tal-Krimea. Wara d-deċiżjoni ta' Vladimir Putin li jirrikonoxxi l-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk", suldati tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar daħlu fit-territorju ta' dawn iż-żewġ repubbliki awtoproklamati. Id-Distrett Militari tan-Nofsinhar issorvelja wkoll l-eżerċizzji militari tal-forzi armati tar-"repubbliki" separatisti. Għaldaqstant, Alexey Avdeev huwa responsabbli li b'mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li dgħajfu jew heddu l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza territorjali tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukrajna.	28.2.2022

▼ M45

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
692.	Rustam Usmanovich MURADOV (МУРАДОВ Рустам Усманович)	Data tat-twelid: 21.3.1973 Post tat-twelid: Dagestan, Russia Funzjoni: Logutenent Ġeneral, Viċi kmandant tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar Sess: Raġel	Rustam Muradov huwa logutenent ġeneral u viċi kmandant tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar, li kien involut f'azzjonijiet militari kontra l-Ukrajna. Dan l-aħħar l-Ukrajna saret il-mira ewlenija tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar. Minħabba dan ġiet iffurmata t-tmien Armata l-ġdida u ġiet estiża l-preżenza tad-Distrett fit-territorju tal-peniżola tal-Krimea annessa illegalment. Minn nofs Ottubru 2021, il-forzi militari Russi bdew skjerament militari mingħajr preċedent fil-fruntiera tal-Ukrajna jew qrib tagħha u fir-reġjun tal-Krimea okkupat mill-Ukrajna. F'dan ir-rigward ħafna osservaturi u dawk li jfasslu l-politika esprimew tħassib dwar il-possibbiltà ta' invażjoni ġdida tal-Ukrajna jew azzjonijiet aggressivi oħra min-naħa tar-Russja. Truppi mid-Distrett Militari tan-Nofsinhar wettqu eżerċizzji militari f'żoni madwar l-Ukrajna u ċaqalqu gruppi tattiċi tal-artillerija u tal-battaljun fil-peniżola tal-Krimea. Id-Distrett Militari tan-Nofsinhar issorvelja wkoll l-eżerċizzji militari tal-forzi armati tar-"repubbliki" separatisti. Wara d-deċiżjoni ta' Vladimir Putin li jirrikonoxxi l-hekk imsejħa "Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk" u "Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk", suldati tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar daħlu fit-territorju ta' dawn iż-żewġ repubbliki awtoproklamati. Fl-24 ta' Frar 2022, ir-Russja nediet invażjoni militari fuq skala kbira fuq l-Ukrajna. Għaldaqstant, Rustam MURADOV huwa responsabbli li b'mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li dgħajfu jew heddu l-integrità, is-sovranià u l-indipendenza territorjali tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukrajna.	28.2.2022
693.	Andrey Ivanovich SYCHEVOY (Андрей Иванович СЫЧЕВОЙ)	Data tat-twelid: 16.5.1969 Post tat-twelid: village of Troitskaya, Krymsky District, Krasnodar Territory, USSR Funzjoni: Logutenent Ġeneral, Kmandant tat-tmien Armata tal-Gwardji tal-Armi Magħquda tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar Sess: Raġel	Andrey Sychevoy huwa logutenent ġeneral u kmandant tat-tmien Armata tal-Gwardji tal-Armi Magħquda tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar, li kien involut f'azzjonijiet militari kontra l-Ukrajna. Dan l-aħħar l-Ukrajna saret il-mira ewlenija tad-Distrett Militari tan-Nofsinhar. Minħabba dan ġiet iffurmata t-tmien Armata l-ġdida u ġiet estiża l-preżenza tad-Distrett fit-territorju tal-peniżola tal-Krimea annessa illegalment. Minn nofs Ottubru 2021, il-forzi militari Russi bdew skjerament militari mingħajr preċedent fil-fruntiera tal-Ukrajna jew qrib tagħha u fir-reġjun tal-Krimea okkupat mill-Ukrajna. F'dan ir-rigward ħafna osservaturi u dawk li jfasslu l-politika esprimew tħassib dwar il-possibbiltà ta' invażjoni ġdida tal-Ukrajna jew azzjonijiet aggressivi oħra min-naħa tar-Russja. Truppi mid-Distrett Militari tan-Nofsinhar wettqu eżerċizzji militari f'żoni madwar l-Ukrajna u ċaqalqu gruppi tattiċi tal-artillerija u tal-battaljun fil-peniżola tal-Krimea. Id-Distrett Militari tan-Nofsinhar issorvelja wkoll l-eżerċizzji militari tal-forzi armati	28.2.2022

▼ M45

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
			tar-“repubbliki” separatisti. Wara d-deċiżjoni ta’ Vladimir Putin li jirrikonoxxi l-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk” u “Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk”, suldati tad-Distrett Militari tan-Nofsinar dahl fuq fit-territorju ta’ dawn iż-żewġ repubbliki awtoproklamati. Fl-24 ta’ Frar 2022, ir-Russja nediet invażjoni militari fuq skala kbira fuq l-Ukrajna. Għaldaqstant, Andrey Sychevoy huwa responsabbli li b'mod attiv appoġġa jew implimenta azzjonijiet jew politiki li dgħajfu jew heddu l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza territorjali tal-Ukrajna, kif ukoll l-istabbiltà u s-sigurtà tal-Ukrajna.	
694.	Gennady Nikolayevich TIMCHENKO (Геннадий Николаевич ТИМЧЕНКО)	Funzjoni: Sid tal-grupp ta’ investment privat Volga Group Data tat-twelid: 9.11.1952 Post tat-twelid: Leninakan, Sovjet Union (now: Gyumri, Armenia) Nazzjonalità: Armena, Russa, Finlandiża Sess: Raġel	Gennady Timchenko huwa konoxxenza għal żmien twil tal-President tal-Federazzjoni Russa Vladimir Putin u huwa deskritt b'mod ġenerali bħala wieħed mill-persuni ta' fiduċja tiegħu. Huwa qed jibbenefika mill-konnessjonijiet tiegħu ma' persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet. Huwa fundatur u azzjonist ta' Volga Group, grupp ta' investment b'portafoll ta' investimenti f'setturi ewlenin tal-ekonomija Russa. Volga Group jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-ekonomija Russa u l-iżvilupp tagħha. Huwa wkoll azzjonist ta' Bank Rossiya li huwa meqjus bħala l-bank personali ta' Uffiċjali Għolja tal-Federazzjoni Russa. Wara l-annessjoni illegali tal-Krimea, il-Bank Rossiya fetaħ ferġat fil-Krimea kollha u f'Sevastopol, biex b'hekk ikkonsolida l-integrazzjoni tagħhom fil-Federazzjoni Russa. Barra minn dan, Bank Rossiya għandu interessi importanti fin-National Media Group li, min-naħa tiegħu, jikkontrolla l-istazzjonijiet televiżivi li jappoġġaw attivament il-politika tal-gvern Russu ta' destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Għalhekk huwa responsabbli għall-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Huwa responsabbli wkoll għall-għoti ta' appoġġ finanzjarju u materjali, u li jibbenefika minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.	28.2.2022

▼ M45

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
695.	Alexey Alexandrovits MORDASCHOV (Алексей Александрович МОРДАШОВ)	Funzjoni: President ta' Severstal u Severgroup Data tat-twelid: 26.9.1965 Post tat-twelid: Cherepovets, Russia Nazjonalità: Russia Sess: Raġel Assoċjati: Yuriy KOVALCHUK; Nikolay SHAMALOV	Alexey Mordaschov qed jibbenefika mill-konnessjonijiet tiegħu ma' persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet. Huwa l-President tal-kumpannija Severgroup. Din il-kumpannija hija t-tieni l-akbar azzjonist ta' Bank Rossiya, li fl-2017 kien jippossjedi madwar 5,4 % tiegħu, u li huwa kkunsidrat bħala l-bank personali ta' Uffiċjali Għolja tal-Federazzjoni Russa. Wara l-annessjoni illegali tal-Krimea, il-Bank Rossiya fetaħ ferġat fil-Krimea kollha u f'Sevastopol, biex b'hekk ikkonsolida l-integrazzjoni tagħhom fil-Federazzjoni Russa. Barra minn dan, Severgroup għandha interessi konsiderevoli fin-National Media Group li, min-naħa tiegħu, jikkontrolla l-istazzjonijiet televiżivi li jappoġġaw attivament il-politika tal-gvern Russu ta' destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Barra minn hekk, Severgroup hija s-sid tal-kumpannija JSC Power Machines li hija responsabbli għall-bejgħ ta' erba' turbini eoliċi lill-peniżola okkupata tal-Krimea. Għalhekk huwa responsabbli għall-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Huwa responsabbli wkoll għall-ġħoti ta' appoġġ finanzjarju u materjali, u li jibbenefika minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea jew għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.	28.2.2022
696.	Peter Mikhaylovich FRADKOV (Петр Михайлович ФРАДКОВ)	Funzjoni: President ta' PJSC Promsvyazbank Data tat-twelid: 7.2.1978 Post tat-twelid: Moscow, Russia Sess: Raġel	Petr Fradkov huwa l-president ta' PJSC Promsvyazbank u l-uniku korp eżekuttiv tal-bank. Promsvyazbank huwa bank tal-Istat Russu, li jipprovdi appoġġ finanzjarju lis-settur tad-difiża Russu u lill-Militar Russu, li huwa responsabbli għall-iskjerament massiv ta' truppi Russi tul il-fruntiera mal-Ukrajna u għall-preżenza ta' truppi Russi fil-peniżola tal-Krimea. Promsvyazbank jingħata struzzjonijiet direttament mill-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin, u għalhekk jipprovdi appoġġ finanzjarju u materjali lil persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna u l-annessjoni illegali tal-Krimea. Promsvyazbank jopera fil-Peniżola tal-Krimea. Għalhekk, bħala president ta' Promsvyazbank, huwa responsabbli għall-appoġġ ta' azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	28.2.2022

▼ B

▼ M46

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
697.	Leonid Viktorovich KASINSKY (Russu: Леонид Викторович КАСИНСКИЙ; Belarussu: Леанід Віктаравіч КАСІНСКІ)	Data tat-twelid: 29.6.1972 Post tat-twelid: Grodno, SSR tal-Belarussja, issa l-Belarussja Funzjoni: Maġġur Ġeneral, Assistent tal-Ministru għad-Difiża għax-Xogħol Ideoloġiku fil-Forzi Armati u Kap tad-Direttorat Ewlieni għax-Xogħol Ideoloġiku fil-Ministeru għad-Difiża tal-Belarussja Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Leonid Kasinsky għandu l-pożizzjoni ta' assistent tal-Ministru għad-Difiża tal-Belarussja għall-ħidma ideoloġika fil-forzi armati. Huwa wkoll kap tad-Direttorat Ewlieni għall-ħidma ideoloġika fil-Ministeru għad-Difiża tal-Belarussja. Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispażju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għar-riforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja. Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Leonid Kasinsky qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.	2.3.2022
698.	Igor Vladimirovich MOZHILOVSKY (Russu: Игорь Владимирович МОЖИЛОВСКИЙ; Belarussu: Ігар Уладзіміравіч МАЖЫЛОЎСКІ)	Data tat-twelid: 28.2.1971 Post tat-twelid: Dubrovno, SSR tal-Belarussja, issa l-Belarussja Funzjoni: Maġġur Ġeneral, Assistent tal-Ministru għad-Difiża għall-Ekonomija Militari u l-Finanzi u Kap tad-Direttorat Ewlieni għax-Xogħol Ideoloġiku fil-Ministeru għad-Difiża Nazzjonalità: Belarussa Sess: raġel	Igor Mozhilovsky għandu l-pożizzjoni ta' assistent tal-Ministru għad-Difiża tal-Belarussja għall-ekonomija militari u l-finanzi. Huwa wkoll kap tad-Dipartiment Ewlieni għall-Finanzi u l-Ekonomija fil-Ministeru għad-Difiża tal-Belarussja. Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispażju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għar-riforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja. Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Igor Mozhilovsky qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.	2.3.2022

▼ M46

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
699.	Oleg Leonidovich VOINOV (Russu: Олег Леонидович ВОИНОВ; Belarussu: Алег Леанідавіч ВОІНАЎ)	Data tat-twelid: 26.3.1967 Post tat-twelid: Dnepropetrovsk, SSR tal-Ukrajna, issa Dnipro, l-Ukrajna Funzjoni: Maġġur Ġeneral, Kap tad-Dipartiment tal-Kooperazzjoni Militari Internazzjonali tal-Ministeru Belarussu għad-Difiża u Assistent tal-Ministru għad-Difiża għall-Kooperazzjoni Militari Internazzjonali Nazjonalità: Belarussa Sess: raġel	Oleg Vovinov għandu kariga ta' Kap tad-Dipartiment tal-Kooperazzjoni Militari Internazzjonali tal-Ministeru għad-Difiża u Assistent tal-Ministru għad-Difiża għall-Kooperazzjoni Militari Internazzjonali. Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispażju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għar-riforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja. Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Oleg Voinov qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.	2.3.2022
700.	Sergei Anatolievich SAUTA (Russu: Сергей Анатольевич САУТА; Belarussu: Сяргей Анатольевич САЎТА)	Funzjoni: Kurunell, Kap tad-Dipartiment tal-Appoġġ Legali tal-Ministeru għad-Difiża tar-Repubblika tal-Belarussja Nazjonalità: Belarussa Sess: raġel	Sergei Sauta għandu l-pożizzjoni ta' Kap tad-Dipartiment tal-Appoġġ Legali tal-Ministeru għad-Difiża tar-Repubblika tal-Belarussja. Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispażju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għar-riforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja. Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarussja, Sergei Sauta qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarussja b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.	2.3.2022
701.	Ivan Josephovich BOGUSLAVSKY (Russu: Иван Иосифович БОГУСЛАВСКИЙ; Belarussu: Іван Іосіфавіч БАГУСЛАЎСКИ)	Data tat-twelid: 4.8.1968 Post tat-twelid: Kalivaria, SSR tal-Belarussja Funzjoni: Maġġur Ġeneral, Kap tal-Ispettorat Militari tal-Forzi Armati fil-Ministeru għad-Difiża tal-Belarussja Nazjonalità: Belarussa Sess: raġel	Ivan Boguslavsky għandu l-pożizzjoni ta' Kap tal-Ispettorat Militari Ewlieni tal-Forzi Armati fil-Ministeru għad-Difiża tal-Belarussja. Il-Belarussja qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarussja lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarussja (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispażju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għar-riforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarussja.	2.3.2022

▼ M46

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
			Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarusija, Ivan Boguslavsky qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarusija b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.	
702.	Dmitry Anatolievich MIHOLAP (Russu: Дмитрий Анатольевич МИХОЛАП; Belarussu: Дзмітрый Міхалап)	Data tat-twelid: 28.12.1974 Post tat-twelid: Bukino, SSR tal-Belarusija Funzjoni: Kurnell, Viċi Kmandant tal-Forza tal-Ajru Belarussa u tal-Forzi tad-Difiża tal-Ajru Nazjonalità: Belarussa Sess: raġel	Dmitry Miholap għandu l-pożizzjoni ta' viċi kmandant tal-Forza tal-Ajru Belarussa u tal-Forzi għad-Difiża tal-Ajru tal-Belarusija. Il-Belarusija qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarusija lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarusija (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispażju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għar-riforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarusija. Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarusija, Dmitry Miholap qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarusija b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.	2.3.2022
703.	Anatolij Anatolievich BULAVKO (Russu: Анатолий Анатольевич БУЛАВКО; Belarussu: Анатоль Анатольевич Булаўка)	Data tat-twelid: 1.5.1969 Post tat-twelid: Kalinkovichi, SSR tal-Belarusija, issa l-Belarusija Funzjoni: Kurnell, viċi kmandant għall-ħidma ideoloġika u kap tal-ħidma ideoloġika tal-Forza tal-Ajru Belarussa u tal-Forzi tad-Difiża tal-Ajru Nazjonalità: Belarussa Sess: raġel	Anatolij Bulavko għandu l-pożizzjoni ta' viċi kmandant għall-ħidma ideoloġika u kap tal-ħidma ideoloġika tal-Forza tal-Ajru Belarussa u tal-Forzi tad-Difiża tal-Ajru. Il-Belarusija qed tipparteċipa fl-aggressjoni militari Russa kontra l-Ukrajna billi qed tippermetti lir-Russja tispara missili ballistiċi mill-Belarusija lejn l-Ukrajna, tippermetti t-trasport ta' persunal militari Russu u armi tqal, tankijiet u trasportaturi militari fil-Belarusija (trasport bit-triq u bil-ferrovija) lejn l-Ukrajna, tippermetti l-inġenji tal-ajru militari Russi jtiru fuq l-ispażju tal-ajru Belarussu lejn l-Ukrajna, tipprovdi punti għar-riforniment tal-karburant għall-inġenji tal-ajru militari Russi involuti f'attivitajiet kontra l-Ukrajna, u taħżen armi Russi u tagħmir militari fil-Belarusija. Peress li huwa membru għoli tal-forzi armati tal-Belarusija, Anatolij Bulavko qed jipparteċipa fl-azzjonijiet tal-Belarusija b'appoġġ għall-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna.	2.3.2022

▼ M46

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
20.	Kumpannija b'ishma konġunti "Impjant tal-inbid effervexxenti 'Novy Svet'" Акционерное общество "Завод шампанских вин 'Новый Свет'" Qabel kienet magħrufa bħala Intrapriża statali unitarja tar-"Repubblika tal-Krimea" l-"Impjant tal-inbid effervexxenti 'Novy Svet'" Государственное унитарное предприятие Республики Крым "Завод шампанских вин 'Новый Свет'" Gosudarstvennoye unitarnoye predpriyatiye Respubliki Krym "Zavod shampanskykh vin 'Novy Svet'" u bħala "Intrapriża statali impjant tal-inbid effervexxenti 'Novy Svet'" Государственное предприятие Завод шампанских вин "Новый свет" (Gosudarstvennoye predpriyatiye Zavod shampanskykh vin "Novy Svet")	298032, Crimea, Sudak, Novy Svet, str. Shalapina 1. 298032, Крым, г. Судак, пгт. Судак, пгт. Новый Свет, ул. 1 + 7-(365) 663-35-00 +7-(365) 663-35-22 +7-978-914- 00-10 http://nsvet-crimea.ru/ Numru tar-reġistrazzjoni: 1179102021460	Is-sjieda tal-entità ġiet ittrasferita bi ksur tal-liġi Ukrena. Fid-9 ta' April 2014, il-"Presidju tal-Parlament tal-Krimea" adotta d-deċiżjoni Nru 1991-6/14 "Dwar l-emendi għar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Istat tar-'Repubblika tal-Krimea'" tas-26 ta' Marzu 2014, u Nru 1836-6/14 "Dwar in-nazzjonalizzazzjoni tal-proprietà tal-intrapriżi, l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet tal-kumpless agroindustrijali, li tinsab fit-territorju tar-'Repubblika tal-Krimea'" fejn ġiet iddikjarata l-appropriazzjoni ta' assi li jappartjenu għall-intrapriża tal-istat "Zavod shampanskykh vin Novy Svet" f'isem ir-"Repubblika tal-Krimea". L-intrapriża hija b'hekk effettivament ikkonfiskata mill-"awtoritajiet" tal-Krimea. Reġistrata mill-ġdid fl-4 ta' Jannar 2015 bħala Intrapriża Unitarja Statali tar-"Repubblika tal-Krimea" "impjant tal-inbid effervexxenti 'Novy Svet'" (Государственное унитарное предприятие Республики Крым "Завод шампанских вин 'Новый Свет'"). Fundatur: Il-Ministeru għall-Agrikoltura tar-"Repubblika tal-Krimea" (Министерство сельского хозяйства Республики Крым) Reġistrata mill-ġdid wara r-riorganizzazzjoni fid-29 ta' Awwissu 2017 bħala Kumpannija b'ishma konġunti Impjant tal-inbid effervexxenti "Novy Svet" (Акционерное общество "Завод шампанских вин 'Новый Свет'"). Fundatur: il-Ministeru għar-Regolamenti dwar l-Art u l-Proprietà tar-"Repubblika tal-Krimea" (Министерство земельных и имущественных отношений Республики Крым).	25.7.2014

▼ M34

21.	KUMPANNIJA B'ISHMA KONĠUNTI ALMAZ-ANTEY AIR AND SPACE DEFENCE CORPORATION Акционерное общество "Концерн воздушно-космической обороны 'Алмаз — Антей'" (magħrufa wkoll bħala CONCERN ALMAZ-ANTEY; ALMAZ-ANTEY CORP; magħrufa wkoll bħala ALMAZ-ANTEY DEFENSE CORPORATION; magħrufa wkoll bħala ALMAZ-ANTEY JSC; Концерн ВКО 'Алмаз — Антей';)	41 ul.Vereiskaya Street, Moscow 121471, Russian Federation; Sit web: www.almaz-antey.ru Indirizz Elettroniku: antey@almaz-antey.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 1027739001993	Almaz-Antey hija kumpannija Russa proprjetà tal-Istat. Timmanifattura armi kontra l-inġenji tal-ajru inkluż missili mill-art għall-ajru li hija tforni lill-armata Russa. L-awtoritajiet Russi qegħdin iformu armamenti tqal lis-separatisti fil-Lvant tal-Ukrajna, li kkontribwixxew għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna. Dawn l-armi jintużaw mis-separatisti, inkluż għat-twaqqigħ ta' ajruplani. Għalhekk, bħala kumpannija proprjetà tal-Istat, Almaz-Antey tikkontribwixxi għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.	30.7.2014
-----	---	--	--	-----------

▼ B▼ M36

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
22.	DOBROLET magħrufa wkoll bħala DOBRO-LYOT ДОБРОЛЕТ/ ДОБРОЛЁТ	Kodiċi tal-linja tal-ajru QD International Highway, House 31, building 1, 141411 Moscow 141411, г. Москва, Международное ш., дом 31, строение 1 Sit web: https://aviakompaniya.com/dobrolet/	Dobrolet hija sussidjarja ta' linja tal-ajru proprjetà tal-Istat Russu. Sa mill-annessjoni illegali tal-Krimea, Dobrolet ħaddmet titjiriet esklużivament bejn Moska u Simferopol. Għalhekk, hija ffaċilitat l-integrazzjoni tar-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" li ġiet annessa illegalment mal-Federazzjoni Russa u pperikolat is-sovranià u l-integrità territorjali tal-Ukrajna.	30.7.2014
23.	Kumpannija Pubblika b'Ishma Konġunti "Russian National Commercial Bank" (Публичное акционерное общество "Российский национальный коммерческий банк")	295000, Simferopol, Naberezhnaya str named after 60th anniversary of USSR, 34 295000, Симферополь, ул. Набережная имени 60-летия СССР, д. 34 Sit web: http://www.rncb.ru Numru tar-reġistrazzjoni: 1027700381290	Wara l-annessjoni illegali tal-Krimea, ir-Russian National Commercial Bank (RNCB) sar totalment proprjetà tal-hekk imsejħa "Repubblika tal-Krimea". F'Jannar 2016 sar proprjetà tal-Aġenzija Federali għall-Ġestjoni tal-Propjetà tal-Istat, magħrufa wkoll bħala Rosimushchestvo (Федеральное агентство по управлению государственным имуществом (Росимущество)). Sar attur dominanti fis-suq, meta qabel l-annessjoni ma kelli l-ebda preżenza fil-Krimea. Billi xtara jew ħa pussess ta' fergħat ta' banek li rtiraw l-operazzjonijiet tagħhom fil-Krimea, l-RNCB appoġġa materjalment u finanzjarjament l-azzjonijiet tal-gvern Russu biex jintegra l-Krimea fil-Federazzjoni Russa, u b'hekk ipperikola l-integrità territorjali tal-Ukrajna. Fid-29 ta' Jannar 2020, il-Bank Ċentrali Russu ddeċieda li jorganizza mill-ġdid is-Sevastopol Marine Bank bil-parteċipazzjoni tal-RNCB. Il-bank ipparteċipa f'żewġ proġetti infrastrutturali kbar fil-Krimea - huwa jiffinanzja l-kostruzzjoni ta' kumpless ġdid ta' terminal tal-ajru f'Simferopol u faċilitajiet ta' ġenerazzjoni (Balaklavskaya TPP u Tavricheskaya TPP)	30.7.2014

▼ B▼ M37

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
24.	Public movement “Donetsk Republic” (Moviment pubbliku “Repubblika ta’ Donetsk”) Общественное движение “Донецкая республика”	Informazzjoni uffiċjali: http://oddr.info/ orgotdel@oddr.info Indirizz: Donetsk, Universitetskaya 19 г. Донецк, ул. Университетская, дом 19	“Organizzazzjoni” pubblika li ppreżentat kandidati fl-hekk imsejħa “elezzjonijiet” tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk” fit-2 ta’ Novembru 2014 u l-11 ta’ Novembru 2018. Dawn l-“elezzjonijiet” huma bi ksur tal-liġi Ukrena u għaldaqstant illegali. Bil-parteċipazzjoni formali fl-“elezzjonijiet” illegali hija għalhekk appoġġat b’mod attiv azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u d-distabbilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukrajna. Imwaqqfa minn Andriy PURGIN u kienet immexxija minn Alexander ZAKHARCHENKO. Fl-2018 innominat lil Denis PUSHYLIN biex ikun “Kap” tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk”.	29.11.2014

▼ M48

25.	Il-moviment pubbliku “Paċi għar-Reġjun ta’ Luhansk” (Mir Lugansc-hine) Общественное движение “Мир Луганщине”	https://mir-lug.info/ Indirizz: Karl Marx Street 7, Luhansk, Ukraine улица Карла Маркса, 7, г. Луганск, Украина info@mir-lug.info	“Organizzazzjoni” pubblika li ppreżentat kandidati fl-hekk imsejħa “elezzjonijiet” tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk” fit-2 ta’ Novembru 2014 u l-11 ta’ Novembru 2018. Dawn l-“elezzjonijiet” huma bi ksur tal-liġi Ukrena u għaldaqstant illegali. Mis-17 ta’ Frar 2018, il-president tal-organizzazzjoni huwa Leonid PASECHNIK u għalhekk hi assoċjata ma’ persuna ddeżinjata mill-Kunsill. Bil-parteċipazzjoni formali fl-“elezzjonijiet” illegali, hi għalhekk appoġġat b’mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u sabiex tkompli tiġi ddestabilizzata l-Ukrajna.	29.11.2014
26.	Moviment pubbliku “Donbass Ħieles” (magħruf ukoll bħala “Donbas Ħieles”, “Svobodny Donbass”) Общественное движение “Свободный Донбасс”	http://www.odsd.ru/ https://xn--d1aa2an.xn--p1ai/ Indirizz: 102, Khmelnytsky Ave., Donetsk (office 512) Донецк, пр. Б.Хмельницкого, 102, офис 512 press-odsd@yandex.ru	“Organizzazzjoni” pubblika li ppreżentat kandidati fl-hekk imsejħa “elezzjonijiet” tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk” fit-2 ta’ Novembru 2014 u l-11 ta’ Novembru 2018. Dawn l-elezzjonijiet huma bi ksur tal-liġi Ukrena u għaldaqstant illegali. Bil-parteċipazzjoni formali fl-“elezzjonijiet” illegali, hija għalhekk appoġġat b’mod attiv azzjonijiet u politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u sabiex tkompli tiġi ddestabilizzata l-Ukrajna.	29.11.2014

▼ **B**▼ **M31**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
27.	Unjoni Popolari (Narodny Soyuz) Народный союз	Dereġistrata fl-2018.	“Organizzazzjoni” pubblika li ppreżentat kandidati fl-hekk imsejħa “elezzjonijiet” tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Donetsk” fit-2 ta’ Novembru 2014. Dawn l-elezzjonijiet huma fi ksur tal-liġi Ukrena u għaldaqstant illegali. Bil-parteċipazzjoni formali fl-“elezzjonijiet” illegali hija għalhekk appoġġat b’mod attiv azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, u sabiex tkompli tiġi ddestabilizzata l-Ukrajna.	29.11.2014
28.	Luhansk Economic Union (Luganskiy Ekonomicheskoy Soyuz) (L-Unjoni Ekonomika ta’ Luhansk) Луганский экономический союз	Informazzjoni uffiċjali: https://vk.com/public97306393 Telegram: https://t.me/s/od_les_lnr	“Organizzazzjoni soċjali” li ppreżentat kandidati fl-hekk imsejħa “elezzjonijiet” illegali tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk” fit-2 ta’ Novembru 2014 u l-11 ta’ Novembru 2018. Innominat kandidat, Oleg AKIMOV, biex ikun “Kap” tal-hekk imsejħa “Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk” fl-2014 u membru tal-hekk imsejħa “Kunsill tal-Poplu tar-Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk” fl-2018. Dawn l-“elezzjonijiet” huma bi ksur tal-liġi Ukrena u għaldaqstant illegali. Il-presidenza tal-“Luganskiy Ekonomicheskoy Soyuz” bħalissa hija okkupata minn Zinaida NADION, li hija Deputat tal-“Kunsill tal-Poplu tar-Repubblika tal-Poplu ta’ Luhansk”. Bil-parteċipazzjoni formali fl-“elezzjonijiet” illegali hija għalhekk appoġġat b’mod attiv azzjonijiet u politiki li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, u d-distabilizzazzjoni ulterjuri tal-Ukrajna.	29.11.2014
29.	Gwardja Nazzjonali Kosakka Казачья Национальная Гвардия	http://казакнацгвард.рф/ https://vk.com/kazak_nac_guard	Grupp separatist armat li appoġġa b’mod attiv azzjonijiet li jipperikolaw l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna, u li jiddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna. Immexxi minn u għaldaqstant assoċjat ma’ persuna elenkata Nikolay KOZITSYN. Allegatament parti mill-hekk imsejħa “It-tieni Korp tal-Armata” tar-“Repubblika tal-Poplu ta’ Lugansk”.	16.2.2015

▼ B▼ M34

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
30.	Battaljun Sparta Батальон “Спарта”	https://vk.com/sparta_orb +380713041088	Grupp separatist armat li appoġġa b'mod attiv azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u li jiddestabbilizzaw aktar lill-Ukraina. Parti mill-hekk imsejjaħ “L-ewwel Korp tal-Armata” tar-“Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk”. Imsejjaħ ukoll l-unità militari 08806, u l-battaljun “Gvardeysky”. F'Novembru 2017, l-unità ssemmiet għall-kmandant militari separatist assassinat Arsen Pavlov (magħruf ukoll bħala Motorola).	16.2.2015
31.	Battaljun Somalu Батальон “Сомали”	https://vk.com/club163716218/	Grupp separatist armat li appoġġa b'mod attiv azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u li jiddestabbilizzaw aktar lill-Ukraina. Parti mill-hekk imsejjaħ “L-ewwel Korp tal-Armata” tar-“Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk”.	16.2.2015
32.	Battaljun Zarya Батальон “Заря”	https://vk.com/public73385255	Grupp separatist armat li appoġġa b'mod attiv azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u li jiddestabbilizzaw aktar lill-Ukraina. Allegatament parti mill-hekk imsejjaħ “Tieni Korp tal-Armata” tar-“Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk”.	16.2.2015
33.	Brigata Prizrak Бригада “Призрак”	Indirizz: District 50 Year of the USSR, 18; c. of Kirovsk https://vk.com/battalion-prizrak mail@prizrak.info + 38 (072) 199-86-39	Grupp separatist armat li appoġġa b'mod attiv azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina, u li jiddestabbilizzaw aktar lill-Ukraina. Parti mill-hekk imsejjaħ “It-tieni Korp tal-Armata” tar-“Repubblika tal-Poplu ta' Lugansk”. Jissejjaħ ukoll l-14-il Battaljun Motorizzat tal-Azzarini. Parti mill-hekk imsejħa Milizzja tal-Poplu tar-“Repubblika tal-Poplu ta' Luhansk”.	16.2.2015

▼ M48

▼ **M34**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elencar
34.	Battaljun Oplot Батальон “Оплот”	Media soċjali: http://vk.com/oplot_info https://vk.com/5ombroplot	Grupp separatist armat li appoġġa b'mod attiv azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u li jiddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna. Imsejjaħ ukoll il-Fames Brigata Motorizzata tal-Azzarini Separata, li minn Ottubru 2018 hi msemmija għal Alexander Zakharchenko. Alle-gatament parti mill-hekk imsejjaħ “L-ewwel Korp tal-Armata” tar-“Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk”.	16.2.2015
35.	Battaljun Kalmius Батальон “Кальмиус”	https://vk.com/reportage24	Grupp separatist armat li appoġġa b'mod attiv azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u li jiddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna. Imsejjaħ ukoll il-Brigata tal-Gwardja tal-Artillerija Separata (unità 08802), parti mill-hekk imsejjaħ “L-ewwel Korp tal-Armata” tar-“Repubblika tal-Poplu ta' Donetsk”.	16.2.2015
36.	Battaljun tal-Mewt Батальон “Смерть”		Grupp separatist armat li appoġġa b'mod attiv azzjonijiet li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna, u li jiddestabilizzaw aktar lill-Ukrajna. Parti mill-hekk imsejjaħ “It-tieni Korp tal-Armata” tar-“Repubblika Popolari ta' Lugansk”.	16.2.2015
37.	Moviment 'Novorossiya' ta' Igor STRELKOV Движение “Ново-россия” Игоря СРЕЛКОВА	http://novorossia.pro/ https://vk.com/od_novorossia info@clubnb.ru	Il-Moviment “Novorossiya”/“Russja Ġdida” ġie stabbilit f'Novembru 2014 fir-Russja u hu mmexxi mill-uffiċjal Russu Igor Strelkov/Girkin (identifikat bħala membru tal-persunal tal-Main Intelligence Directorate tal-Istat Maġġur tal-Forzi Armati tal-Federazzjoni Russa (GRU)). Skont l-oġġettivi ddikjarati tiegħu, huwa għandu l-għan li jipprovdi assistenza effettiva komprensiva lin-“Novorossiya”, inkluż billi jgħin lill-milizzja li qed tiġġielel fil-Lvant tal-Ukrajna, u b'hekk jappoġġa politiki li jdgħajfu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna. Assoċjat ma' persuna elenkata li dgħajfet l-integrità territorjali tal-Ukrajna.	16.2.2015

▼ **M34**

▼ **M31**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
38.	OAO “VO Technopromexport” (OAO “VO TPE”) Magħruf ukoll bħala: Open Joint Stock Company “Foreign Economic Association” “Technopromexport” Открытое акционерное общество Внешнеэкономическое объединение Технопромэкспорт	Indirizz: 119019, Moscow, Novyi Arbat str., 15, building 2 Data tar-reġistrazzjoni: 27.7.1992 Numru ta' Reġistrazzjoni Statali: 1067746244026 Numru ta' Reġistrazzjoni tat-Taxxa: 7705713236 Għaddejnin proċedimenti ta' falliment.	Parti kontraenti ma' Siemens Gas Turbine Technologies OOO, OAO “VO TPE”, xtrat turbini tal-gass iddikjarati bħala maħsuba għal impjant tal-elettriku f'Taman, reġjun ta' Krasnodar, Federazzjoni Russa, u bħala l-kuntrattur kienet responsabbli għat-trasferiment tat-turbini tal-gass lill-OOO “VO TPE” li min-naħa tagħha ttrasferixxietom biex jiġu installati fil-Krimea. Dan jikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' provvista tal-enerġija indipendenti għall-Krimea u Sevastopol bħala mezz ta' appoġġ għas-separazzjoni tagħhom mill-Ukraina, u jipperikola l-integrità, is-sovranità u l-indipendenza territorjali tal-Ukraina.	4.8.2017

▼ **M34**

39.	OOO “VO Technopromexport” (OOO “VO TPE”) Magħrufa wkoll bħala: Kumpannija b'Responsabbiltà Limitata “Foreign Economic Association” “Technopromexport” Общество с ограниченной ответственностью “Внешнеэкономическое объединение Технопромэкспорт”	Indirizz: 119019, Moscow, Novyi Arbat str., 15, building 2 +7 (495) 989-97-29 www.tpe-vo.ru Indirizz elettroniku: inform@tpe-vo.ru Data tar-reġistrazzjoni: 8.5.2014 Numru tar-Reġistrazzjoni Statali: 1147746527279 Numru tar-Reġistrazzjoni tat-Taxxa: 7704863782	Sid tat-turbini tal-gass li oriġinarjament ġew fomuti minn Siemens Gas Turbine Technologies OOO lil OAO “VO TPE”. OOO “VO TPE” ttrasferixxiet it-turbini tal-gass biex jiġu installati fil-Krimea. Dan jikkontribwixxi biex tiġi stabbilita provvista indipendenti ta' enerġija għall-Krimea u Sevastopol bħala mezz ta' appoġġ għas-separazzjoni tagħhom mill-Ukraina, u jdgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina. Responsabbli għall-implimentazzjoni tal-proġett ta' kostruzzjoni tal-impjanti tal-enerġija termali Balakava u Tavricheskaya, fejn ġew installati t-turbini.	4.8.2017
40.	ZAO Interavtomatika (IA) Magħrufa wkoll bħala: ZAO “Интеравтоматика”, CJSC “Interavtomatika”	Indirizz: 115280, Moscow, Avtozavodskaya st., 14 http://ia.ru Data tar-reġistrazzjoni: 31.1.1994 Numru tar-Reġistrazzjoni Statali: 1037739044111 Numru tar-Reġistrazzjoni tat-Taxxa: 7725056162 Fil-proċess ta' likwidazzjoni	Kumpannija speċjalizzata f'sistemi ta' kontroll u ta' komunikazzjoni għal impjanti tal-enerġija, li daħlet f'kuntratti għal proġetti li jikkonċernaw il-bini tal-impjanti tal-enerġija u l-installazzjoni ta' turbini tal-gass f'Sevastopol u f'Simferopol. Dan jikkontribwixxi biex tiġi stabbilita provvista indipendenti ta' enerġija għall-Krimea u Sevastopol bħala mezz ta' appoġġ għas-separazzjoni tagħhom mill-Ukraina, u jdgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.	4.8.2017

▼ M34

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
41.	“Intrapriża Unitarja Statali tar-Repubblika tal-Krimea 'Crimean Sea Ports’” (“Государственное унитарное предприятие Республики Крым 'Крымские морские порты’”), inkluż il-fergħat: — Port Kummerċjali ta' Feodosia, — Trasport bil-Vapur ta' Kerch, — P- Port Kummerċjali ta' Kerch.	28 Kirova Street, Kerch 298312, Crimea (298312, Крым, гор. Керчь, ул. Кирова, дом 28) https://crimeaports.ru info@crimeaport.ru Numru tar-Reġistrazzjoni Statali: 1149102012620 Numru tar-Reġistrazzjoni tat-Taxxa: 9111000450	Il-“Parlament tal-Krimea” adotta r-Riżoluzzjoni Nru 1757-6/14 fis-17 ta' Marzu 2014 “Dwar in-nazzjonalizzazzjoni ta' xi kumpanniji li jappartjenu lill-Ministeri Ukreni għall-Infrastruttura jew l-Agrikoltura” u r-Riżoluzzjoni Nru 1865-6/14 tas-26 ta' Marzu 2014 “Dwar l-Intrapriża tal-Istat 'Crimean Sea Ports’” (“О Государственном предприятии 'Крымские морские порты’”) li jiddikjaraw l-approprijazzjoni ta' assi li jappartjenu lil diversi intrapriżi tal-Istat li ġew integrati fl-“Intrapriża Unitarja Statali tar-Repubblika tal-Krimea 'Crimean Sea Ports’” f'isem ir-“Repubblika tal-Krimea”. B'hekk dawk l-intrapriżi ġew effettivament konfiskati mill-“awtoritajiet” tal-Krimea u “Crimean Sea Ports” ibbenefikat mit-trasferiment illegali tas-sjieda tagħhom.	16.9.2017

▼ M36

42.	АО “Institute Giprostroymost — Saint-Petersburg” АО Институт Гипростроймост – Санкт-Петербург	Indirizz: 7 Yablochkova street, St. Petersburg, 197198 Russia Sit web: http://gpsm.ru Indirizz elettroniku: office@gpsm.ru Tel. (812) 498-08-14 Numru tar-reġistrazzjoni statali: 1037828021660 Numru tar-reġistrazzjoni tat-taxxa: 7826717210	АО “Institute Giprostroymost — Saint-Petersburg” ipparteċipat fil-kostruzzjoni tal-Pont ta' Kerch permezz tad-diżinn tagħha tal-Pont, li jgħaqqad lir-Russja mal-peniżola tal-Krimea annessa illegalment. Għaldaqstant qiegħda tappoġġa l-konsolidazzjoni tal-peniżola tal-Krimea annessa illegalment mal-Federazzjoni Russa, li min-naħa tagħha tkompli ddgħajjef l-integrità territorjali, is-sovraniġà u l-indipendenza tal-Ukrajna.	31.7.2018
43.	PJSC Mostotrest ПАО Мостотрест	Indirizz: 6 Barklaya street, Bld. 5 Moscow, 121087 Russia www.mostotrest.ru info@mostro.ru Tel.(495)6697999 Numru tar-reġistrazzjoni statali: 1027739167246 Numru tar-reġistrazzjoni tat-taxxa: 7701045732	PJSC Mostotrest ipparteċipat b'mod attiv fil-kostruzzjoni tal-Pont ta' Kerch permezz tal-kuntratt statali tagħha għall-manutenzjoni tal-pont, li jgħaqqad lir-Russja mal-peniżola tal-Krimea annessa illegalment, u għat-tħaddim tal-parti ferrovjarja tal-pont. Barra minn hekk hija proprjetà ta' individwu (Arkady Rotenberg) li diġà huwa ddeżinjat għall-azzjoni jiet tiegħu li jdgħajfu s-sovraniġà tal-Ukrajna (persuna Nru 92 f'dan l-Anness). Għaldaqstant il-kumpannija qed tappoġġa l-konsolidazzjoni tal-peniżola tal-Krimea annessa illegalment mal-Federazzjoni Russa, li min-naħa tagħha tkompli ddgħajjef l-integrità territorjali, is-sovraniġà u l-indipendenza tal-Ukrajna.	31.7.2018

▼ M36

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
44.	JSC Zaliv Shipyard Судостроительный завод “Залив”	Indirizz: 4 Tankistov street, 298310 Kerch, Crimea Sit web: http:// zalivkerch.com Numru tar-reġistrazzjoni statali: 1149102028602 Tel. +7(36561)33055 Numru tar-reġistrazzjoni tat-taxxa: 9111001119	JSC Zaliv Shipyard ipparteċipat b'mod attiv fil-kostruzzjoni tal-linja tal-ferrovija ġdida lejn il-Pont ta' Kerch, li jgħaqqad lir-Russja mal-peniżola tal-Krimea annessa ille- galment. Għaldaqstant qiegħda tappoġġa l-konsolidazzjoni tal-peniżola tal-Krimea annessa ille- galment mal-Federazzjoni Russa, li min-naħa tagħha tkompli ddgħajjef l-integrità territorjali, is-sovrani- tà u l-indipendenza tal-Ukrajna.	31.7.2018
45.	STROYGAZMON- TAZH Joint Stock Company STROYGAZMON- TAZH Corporation (SGM Group) ООО Стройгазмонтаж (груп СГМ)	Indirizz: Prospect Vernadskogo 53, Moscow, 119415 Russia Sit web: www.ooosgm. com info@ooosgm.ru Numru tar-reġistrazzjoni statali: 1077762942212 Numru tar-reġistrazzjoni tat-taxxa: 7729588440 INN: 9729299794 PSRN: 1207700324941, KPP 772901001.	Stroygazmontazh Corporation (SGM Group) ipparteċipat b'mod attiv fil-kostruzzjoni tal-Pont ta' Kerch permezz tal-kuntratt statali tagħha għall-kostruzzjoni tal-pont li jgħaqqad lir-Russja mal-peniżola tal-Krimea annessa illegalment. Għaldaqstant il-kumpannija qed tappoġġa l-konsolidazzjoni tal-peniżola tal-Krimea annessa illegalment mal-Federazzjoni Russa, li min-naħa tagħha tkompli ddgħajjef l-integrità territorjali, is-sovrani- tà u l-indipendenza tal-Ukrajna.	31.7.2018
▼ M34				
46.	Stroygazmontazh-Most ООО (SGM-Most ООО) ООО Стройгазмонтаж- Мост (ООО СГМ-Мост)	Indirizz: Barklaya Street 6, buil- ding 7 Moscow, 121087 Russia Nru tal-Identità tar-Reġistrazzjoni: 1157746088170 Nru tal-Identità tat-Taxxa: 7730018980 Indirizz elettroniku: kerch-most- @yandex.ru	Stroygazmontazh-Most ООО kienet sussidjarja tal-kuntrattur prinċipali Stroygazmontazh li mmaniġġa l-proġett ta' kostruzzjoni tal-pont fuq l-Istrett ta' Kerch u pparteċipat fil-kostruzzjoni. Barra minn hekk hija proprjetà ta' individwu (Arkady Rotenberg) li diġà huwa ddeżinjat għall-azzjonijiet tiegħu li jdgħajfu s-sovrani- tà tal-Ukrajna (persuna Nru 92 f'dan l-Anness). Għaldaqstant il-kumpannija qed tappoġġa l-konsolidazzjoni tal-peniżola tal-Krimea annessa illegalment mal-Federazzjoni Russa, li min-naħa tagħha tkompli ddgħajjef l-integrità territorjali, is-sovrani- tà u l-indipendenza tal-Ukrajna.	31.7.2018

▼ **B**▼ **M25**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
47.	CJSC VAD AKTSIONERNOE OBSCHESTVO VAD AO “БАД”	Indirizz: 133, Chernyshevskogo street, Vologda, Volo- godskaya Oblast 160019, Russia 122 Grazhdanskiy Pros- pect, suite 5, Liter A, St. Petersburg 195267, Russia Nru tal-Identità tar-Reġistrazzjoni: 1037804006811 (Russia) Nru tal-Identità tat-Taxxa: 7802059185 Sit web: www.zaovad. com Indirizz elettroniku: office@zaovad.com	CJSC VAD huwa l-kuntrattur ewlieni għall-konstruzzjoni tal-Awtotrada Tavrida fil-Krimea, it-triq fuq l-Istrett ta' Kerch għalih. L-Awtotrada Tavrida ser tipprovdi aċċess tat-trasportazzjoni għall- Krimea permezz ta' sistema ta' toroq li għadhom kif inbnew li jservu bħala konnessjoni primarja mal-Pont ta' Kerch. Għaldaqstant CJSC VAD qed jappoġġa l-konsolidazzjoni tal-peniżola tal-Krimea illegalment annessa mal-Federazzjoni Russa, li min-naħa tagħha tkompli ddgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.	31.7.2018

▼ **M35**

48.	Joint-stock company “Lenpromtransproyekt” (АО “Ленпромтр- анспроект”)	Indirizz: Kondrat'yevskiy Prospekt, 15, building 5/ 1, 223 St. Petersburg 195197, Russian Federa- tion Numru tal-Identità tar-Reġistrazzjoni (nru OGRN): 1027809210054 Numru ta' identifikaz- zjoni fiskali (nru INN) 7825064262 Sit web: https://lptp.ru/ Indirizz elettroniku: ptp@sp.ru	Il-kumpannija b'ishma konġunti Lenpromtransproyekt ipparteċipat fil-proġett tal-konnessjoni tal-infrastrutturi ferrovjarji tal-Krimea annessa illegalment u tar-Russja billi fasslet l-approċċi ferrovjarji għall- pont fuq l-Istrett ta' Kerch u billi aġixxiet bħala superviżur arkitetto- niku waqt il-konstruzzjoni tal-pont li jgħaqqad lir-Russja mal-peniżola tal-Krimea annessa illegalment. Għal- daqstant, qiegħda tappoġġa l-konsoli- dazzjoni tal-peniżola tal-Krimea annessa illegalment mal-Federazzjoni Russa, li min-naħa tagħha tkompli ddgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.	1.10.2020
49.	Joint-stock company “The Berkakit-Tommot- Yakutsk Railway Line's Construction Directo- rate” (АО “Дирекция по строительству железной дороги Беркакит-Томмот- Якутск”)	Indirizz: Mayakovskogo St. 14, city of Aldan 678900, Aldansky District, Russian Federa- tion Numru tal-Identità tar-Reġistrazzjoni (nru OGRN): 1121402000213 Numru ta' identifikaz- zjoni fiskali (nru INN) 1402015986 Sit web: https://dsgd.ru/ Indirizz elettroniku: info@dsgd.ru; gmn@dsgd.ru	Il-kumpannija b'ishma konġunti The Berkakit-Tommot-Yakutsk Railway Line's Construction Directorate ipparte- cipat fil-proġett tal-konnessjoni tal-infrastrutturi ferrovjarji tal-Krimea annessa illegalment u tar-Russja billi pprovdiet servizzi ta' inġinerija waqt il-konstruzzjoni ta' approċċi ferrovjarji għall-pont fuq l-Istrett ta' Kerch li jgħaqqad lir-Russja mal-peniżola tal-Krimea annessa illegalment. Għal- daqstant, qiegħda tappoġġa l-konsolidazzjoni tal-peniżola tal-Krimea annessa illegalment mal-Federazzjoni Russa, li min-naħa tagħha tkompli ddgħajjef l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukraina.	1.10.2020

▼ **M35**

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
50.	Federal State Unitary Enterprise “Crimea Railway” (Федеральное государственное унитарное предприятие “Крымская железная дорога”)	Indirizz: 34 Pavlenko St., Simferopol 95006, Ukraine Numru tal-Identità tar-Reġistrazzjoni (nru OGRN): 1159102022738 Numru ta' identifikazzjoni fiskali (nru INN) 9102157783 Sit web: https://crimearw.ru Indirizz elettroniku: ngkkjd@mail.ru	Il-Federal State Unitary Enterprise Crimea Railway ipparteċipat fil-proġett tal-konnessjoni tal-infrastrutturi ferrovjarji tal-Krimea annessa illegalment u tar-Russja billi kienet is-sid u l-operatur tal-linji ferrovjarji fuq il-pont fuq l-Istrett ta' Kerch, li jgħaqqad lir-Russja mal-peniżola tal-Krimea annessa illegalment. Għaldaqstant, qiegħda tappoġġa l-konsolidazzjoni tal-peniżola tal-Krimea annessa illegalment mal-Federazzjoni Russa, li min-naħa tagħha tkompli ddgħajfef l-integrità territorjali, is-sovraniżà u l-indipendenza tal-Ukrajna.	1.10.2020
51.	First Crimean Insurance Company (Крымская первая страховая компания)	Indirizz: Butakova Ln, 4, Sevastopol, Ukraine Numru tal-Identità tar-Reġistrazzjoni (nru OGRN): 1149102007933 Numru ta' identifikazzjoni fiskali (nru INN) 9102006047 Sit web: https://kpsk-ins.ru/about Indirizz elettroniku: info@kspk-ins.ru	Il-First Crimean Insurance Company ipparteċipat fil-proġett tal-konnessjoni tal-infrastrutturi ferrovjarji tal-Krimea annessa illegalment u tar-Russja billi żgurat il-konstruzzjoni tal-pont fuq l-Istrett ta' Kerch. Għaldaqstant, qiegħda tappoġġa l-konsolidazzjoni tal-peniżola tal-Krimea annessa illegalment mal-Federazzjoni Russa, li min-naħa tagħha tkompli ddgħajfef l-integrità territorjali, is-sovraniżà u l-indipendenza tal-Ukrajna.	1.10.2020

▼ **M41**▼ **C8**

52.	Internet Research Agency (Агентство интернет-исследований)	Data tal-ħolqien: 2013 Indirizz: Saint Petersburg, Russia Individwi assoċjati: Yevgeny Prigozhin	L-Internet Research Agency hija kumpannija Russa involuta f'operazzjonijiet ta' influwenza online f'isem ir-Russja. L-għan aħħari tagħha huwa li timmanipula l-opinjoni pubblika. Il-kumpannija twettaq kampanji ta' diżinformazzjoni mmirati lejn l-aġenda tal-Ukrajna billi tinfluwenza l-elezzjonijiet jew il-perċezzjonijiet tal-annessjoni tal-Krimea jew il-kunflitt f'Donbas. F'din il-kapaċità, l-Internet Research Agency hija responsabbli li appoġġat b'mod attiv azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovraniżà u l-indipendenza tal-Ukrajna. Il-kumpanija hija ffinanzjata minn Yevgeny Prigozhin, u għalhekk hija assoċjata ma' persuna elenkata.	23.2.2022
-----	---	--	--	-----------

▼ C8

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
53.	Bank Rossiya (Банк “Россия”)	Imwaqqaf fis-27.6.1990 Indirizz: Pl Rastrelli 2 Liter A Saint Petersburg, 191124 Russian Federa- tion Sit web: Abr.ru Individwi assoċjati: Dmitri LEBEDEV (President); Yuriy KOVALCHUK (l-akbar azzjonist)	Il-Bank Rossiya huwa l-bank perso- nali ta' Uffiċjali Għolja tal-Federaz- zjoni Russa. F'din il-kapaċità, il-Bank Rossiya jappoġġa u jibbene- fika minn persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli mill-an- nessjoni tal-Krimea jew għad-destab- bilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukraina. Il-Bank Rossiya għandu interessi importanti fin-National Media Group li, min-naħa tiegħu, jikkontrolla l-istazzjonijiet televiżivi li jappoġġaw attivamente il-politika tal-gvern Russu ta' destabbilizzazzjoni tal-Ukraina. Wara l-annessjoni illegali tal-Krimea, il-Bank Rossiya fetax ferġat fil-Krimea kollha u f'Sevastopol. Il-Bank Rossiya pprova wkoll self lill-Intrapriża Unitarja tal-Istat Fede- rali “Crimean Railway” u jappoġġa l-konstruzzjoni tal-ferrovija fuq il-pont tal-Krimea. Għaldaqstant, il-Bank Rossiya jappoġġa finanzjarjament azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali tal-Ukraina. Assoċjat ma' Yuriy Valentinovich Kovalchuk, l-akbar azzjonist tal-Bank Rossiya.	23.2.2022
54.	PROMSVYAZBANK (ПАО Промсвязьбанк“)	Imwaqqaf fl-1995 Indirizz: Moscow; Sit web: psbank.ru Individwi assoċjati: Petr Fradkov, Uffiċjal Kap Eżekuttiv	PROMSVYAZBANK huwa bank tal-Istat Russu, li jipprovdi appoġġ finanzjarju lis-settur tad-difiża Russu u lill-militar Russu, li huwa respon- sabbli għall-iskjerament massiv ta' truppi Russi tul il-fruntiera mal-Ukraina u għall-preżenza ta' truppi Russi fil-peniżola tal-Krimea. PROMSVYAZBANK jingħata struz- zjonijiet direttament mill-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin, u għalhekk jipprovdi appoġġ finanzjarju u materjali lil dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet Russi respon- sabbli għad-destabbilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukraina u l-annessjoni illegali tal-Krimea. PROMSVYAZBANK jopera fil-peniżola tal-Krimea.	23.2.2022
55.	VEB.RF (magħruf ukoll bħala Vnesheconombank; VEB) (ВЭБ.РФ)	Imwaqqaf fl-1922 bħala bank u fl-2007 bħala istitut għall-iżvilupp Indirizz: 9 prospekt Akademika Sakharova, Moscow, Russia; Sit web: veb.ru Individwi assoċjati: Igor Shuvalov, President	VEB.RF huwa istituzzjoni ewlenija għall-iżvilupp finanzjarju li l-President tagħha jinħatar direttament mill-President tal-Federazzjoni Russa, Vladimir Putin, u jieħdu struzzjonijiet direttament mingħandu. VEB.RF jiġġenera sors importanti ta' dħul għall-Gvern Russu u jimmaniġġja l-fondi tal-pensjonijiet tal-Istat tiegħu.	23.2.2022

▼ C8

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elekar
			VEB.RF għandu rwol attiv fid-diversifikazzjoni tas-settur tad-difiża tal-Federazzjoni Russa u għandu proġetti ma' kumpanniji tal-industrija tad-difiża, inkluż Rostec, li jipprovdu appoġġ għal azzjonijiet li jdgħajfu u jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna. Il-VEB ta self lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fil-Krimea u jkisha bħala "reġjun ta' prijorità" u għandu sħubijiet mal-Ministeru għall-Affarijiet tal-Krimea, responsabbli għall-integrazzjoni tar-"Repubblika Awtonoma tal-Krimea" annessa fil-Federazzjoni Russa. F'din il-kapaċità, VEB.RF jappoġġa attivament, b'mod materjali jew finanzjarju, jew jibbenefika minn, persuni Russi li jieħdu d-deċiżjonijiet responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea jew għad-destabilizzazzjoni tal-Lvant tal-Ukrajna.	

▼ M45

56.	Gas Industry Insurance Company SOGAZ (Акционерное общество "Страховое общество газовой промышленности" АО "СОГАЗ")	Indirizz: Sakharov boulevard 10, Moscow, 107078, Russian Federation Telefon: +7 8(495) 234-44-24 +7 8 800 333 0 888 Sit web: https://sogaz.ru Posta elettronika: sogaz@sogaz.ru ; cf@sogaz.ru	Il-kumpannija b'ishma konġunti "Gas Industry Insurance Company Sogaz" assigurat il-kostruzzjoni tal-infrastruttura ferrovjarja li tgħaqqad il-pont fuq l-Istrett ta' Kerch u l-Port ta' Taman u assigurat mill-għdid il-kostruzzjoni tal-pont fuq l-Istrett ta' Kerch. Għaldaqstant appoġġat il-konsolidazzjoni tal-peniżola tal-Krimea annessa illegalment mal-Federazzjoni Russa, li min-naħa tagħha kompliet iddgħajf l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.	28.2.2022
-----	--	---	---	-----------

▼ M49

57.	ROSNEFT AERO (RN AERO) (Russu: Роснефть-Аэро / РН-Аэро)	Indirizz: 15, Malaya Kaluzhskaya Str., Moscow, 119071, Russian Federation Telefon: +7 (499) 517-76-56; +7 (499) 517-76-55 (fax) Sit web: https://www.rosneft-aero.ru/en/ Indirizz elettroniku: info@rn-aero.rosneft.ru	Rosneft Aero tforni fjuwil tal-ġettijiet lill-Ajruport ta' Simferopol, li jipprovdi konnessjoni ta' titjriet bl-ajru bejn it-territorju tal-Krimea u Sevastopol li ġew annessi illegalment u r-Russja. Għalhekk tikkontribwixxi għall-konsolidazzjoni tal-Peniżola tal-Krimea fil-Federazzjoni Russa. Għaldaqstant, Rosneft Aero tappoġġa, b'mod materjali jew finanzjarju, azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.	15.3.2022
-----	--	---	--	-----------

▼ M49

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
58.	JSC ROBORONEX-PORT (Russu: АО Рособоронэкспорт)	Indirizz: 27 Stromynka Str., Moscow, 107076, Russian Federation Telefon: +7 (495) 739 60 17 / +7 (495) 534 61 40 Sit web: http://roe.ru/eng/ Indirizz elettroniku: roe@roe.ru	Rosoboronexport hija l-unika intermedjarja statali uffiċjali tar-Russja għall-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' prodotti, teknoloġiji u servizzi militari u b'użu doppju. Rosoboronexport hija kumpannija sussidjarja ta' Rostec, korporazzjoni li tappartjeni lill-istat li tissorvelja r-riċerka u l-iżvilupp ta' teknoloġiji militari, u għandha diversi faċilitajiet ta' produzzjoni li għandhom rwol strumentali fl-użu ta' dawk it-teknoloġiji fil-kamp tal-battalja. Il-bejgħ tal-armi jipprovdi sors importanti ta' munita soda lill-gvern Russu. Dan jintuża wkoll biex imexxi 'l quddiem l-oġettivi ekonomiċi u strateġiċi tar-Russja. Mill-2000 sal-2020 Rosoboronexport biegħet armi b'valur ta' USD 180 biljun lil klijenti barranin. Għaldaqstant, Rosoboronexport hija involuta f'setturi ekonomiċi li jipprovdu sors sostanzjali ta' dħul lill-Gvern tal-Federazzjoni Russa, li huwa responsabbli għall-annessjoni tal-Krimea u għad-destabilizzazzjoni tal-Ukrajna.	15.3.2022
59.	JSC NPO High Precision Systems (Russu: АО НПО Высокоточные комплексы)	Indirizz: 7 Kievskaya Str., Moscow, 121059, Russian Federation Telefon: +7 (495) 981-92-77 fax: +7 (495) 981-92-78 Indirizz elettroniku: npovk@npovk.ru Sit web: https://www.npovk.ru	High Precision Systems huwa żviluppatur u manifattur tal-armi Russu. Huwa mexxej fl-inġinerija u l-produzzjoni tas-sistemi tal-missili ballistiċi tattiċi fir-Russja. High Precision Systems huwa sussidjarju ta' Rostec. Il-Forzi Armati Russi użaw armi prodotti minn High Precision Systems matul l-invażjoni illegali Russa tal-Ukrajna fl-2022. Għaldaqstant, High Precision Systems huwa responsabbli talli appoġġa, b'mod materjali jew finanzjarju, azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.	15.3.2022
60.	JSC Kurganmashzavod (Russu: ПАО Курганмашзавод)	Indirizz: 17 1J Mashinostroitel Ave., 640021, Kurgan, Russian Federation Telefon: +7 (3522) 23-20-83, +7 (3522) 47-19-99; Fax: +7 (3522) 23-20-71, +7 (3522) 23-20-82 Indirizz elettroniku: kmz@kmz.ru Sit web: https://www.kurganmash.ru	Kurganmashzavod hija kumpannija ewlenija Russa ta' kumplex militari industrijali. Il-vetturi għall-ġlied tal-infanterija BMP-3 furnuti minn Kurganmashzavod lill-Forzi Armati Russi ntużaw mir-Russja matul l-invażjoni illegali tal-Ukrajna fl-2022. Għaldaqstant, Kurganmashzavod hija responsabbli talli appoġġat, b'mod materjali jew finanzjarju, azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranià u l-indipendenza tal-Ukrajna.	15.3.2022

▼ M49

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
61.	JSC Russian Helicopters (Russu: АО Вертолеты России)	Indirizz: 1 Bolshaya Pionerskaya Str., 115054, Moscow, Russian Federation Telefon: + +7 (495) 981- 63-67 Sit web: http://www.russianhelicopters.aero Indirizz elettroniku: info@rhc.aero	Russian Helicopters hija kumpannija ewlenija Russa tal-manifattura tal-ħelikopters. Il-ħelikopters militari Ka-52 "Alligator" prodotti minn Russian Helicopters intużaw mir-Russja matul l-invażjoni illegali tal-Ukrajna fl-2022. Għaldaqstant, Russian Helicopters hija responsabbli talli appoġġat, b'mod materjali jew finanzjarju, azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	15.3.2022
62.	PJSC United Aircraft Corporation (Russu: ПАО Объединённая авиастроительная корпорация)	Indirizz: 1 Bolshaya. Pionerskaya Str., 115054, Moscow, Russian Federation Telefon: +7 (495) 926- 1420 Sit web: https:// www.uacrussia.ru/ Indirizz elettroniku: office@uacrussia.ru	United Aircraft Corporation huwa manifattur Russu ta' inġenji tal-ajru ċivili u militari. Flimkien mal-kumpanniji affiljati tiegħu jikkontrolla 100 % tal-produzzjoni tal-inġenji tal-ajru militari tar-Russja. L-inġenji tal-ajru tal-ġlied prodotti minn United Aircraft Corporation intużaw mir-Russja matul l-invażjoni illegali tal-Ukrajna fl-2022. Għaldaqstant, United Aircraft Corporation huwa responsabbli talli appoġġa, b'mod materjali jew finanzjarju, azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	15.3.2022
63.	JSC United Shipbuilding Corporation (Russu: АО Объединённая Судос- троительная Корпорация)	Indirizz: 11 Bolshaya Tatarskaya Str., Moscow 115184, Russian Federa- tion Telefon: +7 495 617 33 00 Sit web: https:// www.aosk.ru Indirizz elettroniku: info@aosk.ru	United Shipbuilding Corporation huwa konglomerat statali Russu ta' bini tal-bastimenti, li huwa l-fornitur ewlieni ta' bastimenti tal-gwerra militari lill-Forza Navali Russa. Huwa sid ta' diversi tarzni u uffiċċji ta' disinn. Il-bastiment kbir ta' żbark "Pyotr Morgunov" tal-proġett 11711, li nbena minn United Shipbuilding Corporation, ħa sehem fl-invażjoni illegali Russa tal-Ukrajna fl-2022. Il-bastiment tal-għassa tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed "Vasily Bykov" tal-proġett 22160 iddisinnjat minn United Shipbuilding Corporation, ukoll ħa sehem fl-aggressjoni Russa kontra l-Ukrajna. Barra minn hekk, l-uffiċċju ta' disinn "Almaz", proprjetà ta' United Shipbuilding Corporation, żviluppa l-korvetti tal-proġett 22800, li wħud minnhom inbnew fit-tarzni li jinsabu fit-territorju tal-Krimea u Sevastopol annessi illegalment u li kkontribwew għall-militarizzazzjoni tal-Peniżola tal-Krimea.	15.3.2022

▼ M49

	Isem	Informazzjoni għall-Identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-ejenkar
			Għaldaqstant, JSC United Shipbuilding Corporation huwa responsabbli talli appoġġa, b'mod materjali jew finanzjarju, azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	
64.	JSC Research and Production Corporation URALVAGONZAVOD (Russu: АО "Научно-производственная корпорация УралВагонЗавод")	Indirizz: 28 Vostochnoe shosse., 622007, Nizhny Tagil, Sverdlovsk region, Russian Federation Telefon: +7 3435 34 5000; +7 3435 33 47 12 Indirizz elettroniku: web@uvz.ru Sit web: http://uralvagonzavod.ru	Uralvagonzavod hija korporazzjoni Russa kbira tal-bini tal-magni. Hija l-uniku manifattur ta' tankijiet militari fir-Russja. It-tankijiet T-72B3 fornuti minn Uralvagonzavod lill-Forzi Armati Russi ntużaw mir-Russja matul l-invażjoni illegali tal-Ukrajna fl-2022. Għaldaqstant, Uralvagonzavod hija responsabbli talli appoġġat, b'mod materjali jew finanzjarju, azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	15.3.2022
65.	JSC Zelenodolsk Shipyard [A.M. Gorky Zelenodolsk Plant] (Russu: АО "Зеленодольский завод имени А. М. Горького")	Indirizz: 5, Zavodskaya Str., 422546 Zelenodolsk, Republic of Tatarstan, Russian Federation Telefon: +7 (84371) 5-76-10, Fax: +7 (84371) 5-78-00 Sit web: https://www.zdship.ru Indirizz elettroniku: nfo@zdship.ru	Zelenodolsk Shipyard hija waħda mill-akbar intrapriżi tal-bini tal-bastimenti fir-Russja. Hija bniet il-bastiment tal-għassa tal-Flotta tal-Baħar l-Iswed "Vasily Bykov", li ħa sehem fl-invażjoni illegali Russa tal-Ukrajna fl-2022. Fl-24 ta' Frar 2022 "Vasily Bykov" attakka s-suldati Ukreni li kienu qed jiddefendu Snake Island. Għaldaqstant, Zelenodolsk Shipyard hija responsabbli talli appoġġat, b'mod materjali jew finanzjarju, azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.	15.3.2022